C/2026/3956

23.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-6 ta' Lulju 2026

li tistabbilixxi l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-1 ta' Lulju 2019

(C/2026/3956)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tiegħu,

wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ([2]) (ir-"Regolament Finanzjarju"),

wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/2401 tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar il-kontenut u t-tħaddim tar-Reġistru tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ([3]),

wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (ir-"Regoli ta' Proċedura"), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(11) u l-Artikolu 241 tagħhom,

Billi:

(1) Hemm bżonn li jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

(2) Għal raġunijiet ta' trasparenza u ġestjoni finanzjarja tajba, kull applikazzjoni għal finanzjament għandha tkun soġġetta għal deċiżjoni tal-Bureau, li għandha tiġi notifikata lid-destinatarju u għandu jkun fiha dikjarazzjoni tar-raġunijiet f'każ li l-miżura tolqot lid-destinatarju b'mod negattiv,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-proċeduri applikabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, din id-Deċiżjoni tapplika kemm għall-partiti politiċi Ewropej kif ukoll għall-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.

L-Annessi ta' din id-Deċiżjoni jifformaw parti integrali minnha.

([1]) ĠU L 2025/2445, 8.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2445/oj.
([2]) ĠU L 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.
([3]) ĠU L 333, 19.12.2015, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2401/oj.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

(1) "applikant" tfisser partit jew fondazzjoni li j/tippreżenta applikazzjoni għal finanzjament skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, wara sejħa għal kontribuzzjonijiet jew sejħa għal proposti;

(2) "uffiċjal awtorizzanti b'delega" tfisser il-membru tal-persunal li lilu ġew delegati s-setgħat tal-uffiċjal awtorizzanti skont id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-20 ta' Jannar 2025 ([4]) u d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali dwar id-delega tal-kompiti tal-uffiċjal awtorizzanti;

(3) "Awtorità" tfisser "Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej" stabbilita skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(4) "benefiċjarju" tfisser il-partit li jkun ingħata kontribuzzjoni jew il-fondazzjoni li tkun ingħatat għotja skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(5) "ammont ta' finanzjament finali" tfisser l-ammont ta' kontribuzzjoni finali (għall-partiti) jew l-ammont tal-għotja finali (għall-fondazzjonijiet), stabbilit mill-Bureau b'segwitu għad-deċiżjoni tiegħu dwar ir-rapport annwali;

(6) "fondazzjoni" tfisser "Fondazzjoni politika Ewropea" kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (6), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(7) "finanzjament" tfisser jew kontribuzzjoni skont it-termini tat-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju (għall-partiti) jew għotja operattiva skont it-termini tat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju (għall-fondazzjonijiet);

(8) "deċiżjoni ta' finanzjament" tfisser jew id-deċiżjoni dwar l-għoti ta' kontribuzzjoni (għall-partiti) jew għotja (għall-fondazzjonijiet) skont it-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fis-sejħa;

(9) "ftehim ta' finanzjament" tfisser il-ftehim bejn il-Parlament u l-benefiċjarju rigward kontribuzzjoni (għall-partiti) jew għotja (għall-fondazzjonijiet), skont it-termini u l-kundizzjonijiet speċifikati fis-sejħa u skont it-termini tad-deċiżjoni ta' finanzjament;

(10) "proċedura ta' finanzjament" tfisser il-proċedura li ssegwi ċ-ċiklu mis-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet sal-approvazzjoni tar-rapport annwali u l-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali;

(11) "partit" tfisser "partit politiku Ewropew" kif definit fl-Artikolu 2, il-punt 4, tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Artikolu 3

Sejħiet

1. Wara l-approvazzjoni mill-Bureau, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu kull sena jiżgura l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal kontribuzzjonijiet, fir-rigward tal-partiti, u sejħa għal proposti, fir-rigward tal-fondazzjonijiet ("sejħiet").

2. Is-sejħiet għandhom jispeċifikaw l-iskadenza ta' żmien, għall-partiti u l-fondazzjonijiet, biex jissottomettu l-applikazzjonijiet għal finanzjament bil-miktub lill-Parlament Ewropew.

3. Is-sejħiet għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) l-objettivi segwiti,

(b) il-qafas ġuridiku,

(c) il-kalendarju tal-proċedura tal-finanzjament,

(d) l-arranġamenti għall-finanzjament tal-Unjoni,

(e) il-kriterji ta' eleġibbiltà u esklużjoni,

(f) (fil-każ tal-fondazzjonijiet biss) il-kriterji ta' għażla,

(g) il-kriterji ta' għotja, kif speċifikat fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445,

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-20 ta' Jannar 2025 dwar ir-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew.

(h) formola ta' applikazzjoni u l-mudell għall-baġit previst li għandu jiġi pprovdut mill-applikant flimkien mal-applikazzjoni tiegħu,

(i) jekk applikabbli, lista ta' kwalunkwe dokument ta' sostenn meħtieġ,

(j) it-termini u l-kundizzjonijiet speċjali u ġenerali għall-għoti tal-kontribuzzjonijiet u l-għotjiet, skont l-approvazzjoni tal-Bureau,

(k) fir-rigward tal-partiti, in-natura tan-nefqa li tista' tiġi rimborżata mill-kontribuzzjoni, u fir-rigward tal-fondazzjonijiet, il-kategoriji tal-ispejjeż ikkunsidrati bħala eliġibbli għall-finanzjament mill-għotja.

4. Is-sejħa għall-kontribuzzjonijiet u s-sejħa għall-proposti għandhom jispeċifikaw li kull applikant irid jimpenja ruħu b'mod espliċitu u bil-miktub li jikkonforma mat-termini u l-kundizzjonijiet rilevanti bħala kundizzjoni għall-ammissibbiltà tal-applikazzjoni tiegħu.

5. Is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet u s-sejħiet għal proposti għandhom jispeċifikaw li l-baġit previst ma jridx jirriżulta f'telf nett tas-sena, sakemm dak it-telf ma jkunx kopert minn ammont ekwivalenti ta' riżervi fuq il-karta tal-bilanċ fi tmiem is-sena finanzjarja preċedenti.

Artikolu 4

Applikazzjoni għal finanzjament

1. Bi qbil mal-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, applikant li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 22(1) jew (2) ta' dak ir-Regolament u li jkun jixtieq jirċievi finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għandu jissottometti applikazzjoni bil-miktub lill-President tal-Parlament Ewropew.

2. L-applikant jista' jkun mistieden mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega biex jippreżenta, sa data ta' skadenza raġonevoli, aktar dokumenti ta' sostenn jew kjarifiki relatati mal-applikazzjoni. In-nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dokumenti jew tal-kjarifiki mitluba qabel dik l-iskadenza jista' jwassal għar-rifjut tal-applikazzjoni.

Artikolu 5

Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal finanzjament

1. Abbażi ta' proposta mis-Segretarju Ġenerali, il-Bureau għandu jiddeċiedi, fi żmien tliet xhur mill-għeluq tas-sejħa rispettiva, dwar l-applikazzjonijiet għal finanzjament wara li jkun ivverifika l-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u msemmija fl-Artikolu 3(3) ta' din id-Deċiżjoni, u għandu jiddetermina l-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju mogħti lill-applikant. Il-Bureau għandu jqis kwalunkwe tibdil li jkun seħħ fis-sitwazzjoni ta' applikant wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal finanzjament. L-applikanti għandhom jiġu informati bil-miktub mill-President dwar id-deċiżjoni tal-Bureau u dwar l-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju mogħti lill-applikant.

2. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata mill-Bureau, il-benefiċjarju u l-Parlament Ewropew, irrappreżentat mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega, għandhom jiffirmaw ftehim ta' finanzjament, skont il-mudell stabbilit fl-Anness 1a (għall-partiti) jew fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet).

3. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata jew l-ammonti mitluba ma jingħatawx parzjalment jew fl-intier tagħhom, id-deċiżjoni meħuda mill-Bureau bi qbil mal-paragrafu (1) għandha tiddikjara r-raġunijiet għal dan ir-rifjut. L-informazzjoni provduta lill-applikant dwar ir-rifjut għandha tinkludi l-mezzi disponibbli għal rimedju amministrattiv u/jew ġudizzjarju.

4. L-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju għandu jkun l-ammont aktar baxx bejn: (a) l-ammont mitlub mill-partit jew mill-fondazzjoni fl-applikazzjoni, li ma għandux jaqbeż il-95 % tan-nefqa rimborżabbli totali jew tal-ispejjeż eliġibbli ppreżentati fil-baġit previst, f'konformità mal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445; u (b) l-ammont determinat f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445. L-ammont ta' finanzjament finali għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni.

5. Jekk l-ammonti għal kull applikant ikunu notevolment differenti minn dawk mistennija fil-mument tal-pubblikazzjoni tas-sejħiet imsemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni, il-Bureau jista' jistieden lill-President tal-Parlament Ewropew iressaq proposta lill-kumitat kompetenti biex dan jadatta l-approprjazzjonijiet disponibbli.

Artikolu 6

Pagamenti

1. Il-finanzjament għandu jitħallas lill-benefiċjarji f'forma ta' prefinanzjament, kif speċifikat fit-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet). Sakemm il-Bureau ma jiddeċidix mod ieħor, f'każijiet debitament ġustifikati, il-prefinanzjament għandu jitħallas f'pagament uniku korrispondenti għall-100 % tal-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju.

2. Fuq bażi ta' każ b'każ u soġġett għall-analiżi tar-riskji, il-Bureau jista' jiddeċiedi li jirrikjedi lill-benefiċjarju jippreżenta garanzija ta' prefinanzjament skont ir-Regolament Finanzjarju.

3. Id-dispożizzjonijiet dwar il-pagamenti u d-dati ta' skadenza tagħhom għandhom jiġu speċifikati fil-ftehim ta' finanzjament. Ma għandu jingħata l-ebda finanzjament lill-benefiċjarji qabel ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 7

Awditjar estern

1. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jirċievi mill-benefiċjarju r-rapport tal-awditjar estern speċifikat fl-Artikolu 28(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, imħejji minn entitajiet jew esperti esterni indipendenti, maħtura skont l-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar estern huwa speċifikat fl-Artikolu 28(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445. L-għan tal-awditu estern hu speċifikat aktar fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u tal-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet).

Artikolu 8

Deċiżjoni dwar ir-rapport annwali u l-ammont ta' finanzjament finali

1. Abbażi ta' proposta tas-Segretarju Ġenerali, il-Bureau għandu japprova jew jirrifjuta r-rapport annwali sal-31 ta' Diċembru tas-sena wara s-sena finanzjarja kkonċernata fir-rapport annwali.

2. Il-Bureau jew l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jista' jitlob lill-benefiċjarju jippreżenta informazzjoni addizzjonali għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mar-regoli rilevanti. Il-kontroll tal-konformità għandu jiġi eżerċitat skont l-Artikoli 28 u 29 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

3. Jekk tali informazzjoni addizzjonali tiġi mitluba mill-Bureau jew mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega, l-iskadenza ta' żmien għal deċiżjoni dwar ir-rapport annwali għandha tkun prorogata sakemm tali informazzjoni addizzjonali tkun waslet u ġiet evalwata. L-iskadenza tista' tiġi prorogata wkoll meta tkun intalbet informazzjoni addizzjonali mill-Awtorità, skont l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

4. Fir-rigward tal-partiti, il-Bureau ta' kull sena għandu, abbażi ta' dak ir-rapport annwali, jiddetermina l-ammont ta' nefqa rimborżabbli u l-ammont ta' finanzjament finali. Fil-każ ta' riport ta' finanzjament mhux minfuq għas-sena finanzjarja ta' wara, l-ammont ta' finanzjament finali għandu jiġi stabbilit bi qbil mal-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a.

5. Fir-rigward tal-fondazzjonijiet, il-Bureau ta' kull sena għandu, abbażi ta' dak ir-rapport annwali, jiddetermina l-ammont ta' spejjeż eliġibbli u l-ammont ta' finanzjament finali.

6. L-ammont ta' finanzjament finali ma għandux jaqbeż il-95 % tan-nefqa rimborżabbli annwali ta' partit u l-95 % tal-ispejjeż eliġibbli annwali ta' fondazzjoni. Fi kwalunkwe eventwalità, l-ammont ta' finanzjament finali ma għandux jaqbeż l-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju stipulat fil-ftehim ta' finanzjament.

7. Abbażi tal-ammont ta' finanzjament finali ddeterminat skont il-paragrafi 4 sa 6, u tal-pagamenti ta' prefinanzjament li saru preċedentement fl-ambitu tad-deċiżjoni ta' finanzjament u tal-ftehim ta' finanzjament, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega jiddetermina l-ammonti dovuti lill-benefiċjarju jew lill-Parlament Ewropew.

8. L-ammont ta' finanzjament finali għandu jiġi ddeterminat mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parlament Ewropew li jwettaq verifiki *ex post* bi qbil mal-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u l-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet stipulati fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet) u bil-possibbiltà li l-ammont ta' finanzjament finali jkun jista' jiġi aġġustat b'mod retroattiv fid-dawl tar-riżultati ta' tali kontrolli jew ta' awditi jew investigazzjonijiet oħrajn min-naħa tal-korpi kompetenti.

9. Id-deċiżjonijiet adottati fl-ambitu ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu notifikati lill-benefiċjarju bħala deċiżjoni uniformi, f'konformità mal-Artikolu 241(1) tar-Regoli ta' Proċedura.

10. Il-proċedura applikabbli għall-approvazzjoni tar-rapport annwali u għall-adozzjoni tad-deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali hija speċifikata ulterjorment fil-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u fil-Parti B tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet).

Artikolu 9

Proċedura ta' sospensjoni

1. Bi qbil mar-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju u mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Parti A tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u l-Parti A tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet), il-Bureau jista' jiddeċiedi, fuq proposta mis-Segretarju Ġenerali, li jissospendi il-pagament ta' finanzjament lil partit politiku jew fondazzjoni u jiddeċiedi dwar it-tkomplija tal-pagament meta r-raġunijiet għal tali sospensjoni ma jibqgħux japplikaw. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jkun kompetenti biex iniedi tali proċedura u biex jieħu l-passi kollha meħtieġa, bi qbil mal-Parti A tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u mal-Parti A tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1b (għall-fondazzjonijiet), qabel tali deċiżjoni mill-Bureau.

2. L-Artikolu 241(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura għandu japplika għal deċiżjonijiet adottati mill-Bureau skont dan l-Artikolu.

Artikolu 10

Proċedura għat-terminazzjoni jew għall-irtirar ta' deċiżjoni ta' finanzjament

1. Qabel deċiżjoni tal-Bureau dwar it-terminazzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew dwar l-irtirar tagħha skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jkun kompetenti biex iniedi l-proċedura u jieħu l-passi kollha meħtieġa, bi qbil mal-Parti A tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1a (għall-partiti) u mal-Parti A tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali stipulati fl-Anness 1b ta' din id-Deċiżjoni (għall-fondazzjonijiet).

2. Il-Bureau għandu jiddeċiedi dwar proposta mis-Segretarju Ġenerali dwar it-terminazzjoni jew l-irtirar ta' deċiżjoni ta' finanzjament. L-Artikolu 241(1), it-tielet subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura għandu japplika għal kwalunkwe deċiżjoni ta' dan it-tip.

3. Wara li l-Bureau jadotta d-deċiżjoni biex id-deċiżjoni ta' finanzjament tiġi terminata jew irtirata, l-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-benefiċjarju bit-terminazzjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

4. L-uffiċjal awtorizzanti b'delega għandu jkollu s-setgħa li joħroġ l-ordnijiet ta' rkupru meħtieġa.

Artikolu 11

Kontroll

Il-ftehim ta' finanzjament għandu jipprevedi b'mod espliċitu d-drittijiet tal-Parlament Ewropew u tal-awtoritajiet kompetenti li jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarju, kif imsemmi fl-Artikoli 29 u 30 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Artikolu 12

Appoġġ tekniku

Bi qbil mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, il-benefiċjarji jistgħu japplikaw għal appoġġ tekniku mill-Parlament Ewropew. Il-proċedura, il-kundizzjonijiet u l-kostijiet huma stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Bureau tat-22 ta' April 2024 li tirregola l-avvenimenti fil-bini tal-Parlament Ewropew.

Artikolu 13

Dritt ta' smigħ

F'każijiet fejn, skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u skont il-ftehim ta' finanzjament applikabbli, inkluż fit-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali u Ġenerali tiegħu, il-benefiċjarju jew persuna fiżika kif imsemmi fl-Artikolu 33 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, ikollhom id-dritt, qabel kwalunkwe deċiżjoni tiġi adottata mill-Parlament, li jissottomettu l-osservazzjonijiet, il-benefiċjarju jew il-persuna fiżika kkonċernata għandhom jingħataw perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mir-regoli applikabbli, biex jissottomettu l-osservazzjonijiet bil-miktub. Dan il-perjodu jista', fuq talba motivata tal-benefiċjarju jew tal-persuna fiżika kkonċernata, jiġi estiż darba b'għaxart ijiem ta' xogħol oħra.

Artikolu 14

Tħassir u dħul fis-seħħ

1. Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Lulju 2019 ([5]) hija mħassra b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Madankollu dik id-Deċiżjoni għandha tkompli tapplika fir-rigward tal-atti u tal-impenji relatati mal-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u tal-fondazzjonijiet politiċi Ewropej għas-snin finanzjarji 2025 u 2026.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 15

Pubblikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fuq is-sit web tal-Parlament Ewropew.

([5]) ĠU C 249, 25.7.2019, p. 2.

ANNESS 1a

[MUDELL] FTEHIM TA' KONTRIBUZZJONI — PARTIT

NUMRU: …[DAĦĦAL]

Il-Parlament Ewropew, li s-Segretarjat tiegħu jinsab fi
Plateau du Kirchberg, L-2929 il-Lussemburgu,
minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Parlament Ewropew",
irrappreżentat, għall-iffirmar ta' dan il-ftehim,
minn ……[kunjom/isem/funzjoni],

minn naħa waħda,

u

[isem uffiċjali sħiħ tal-benefiċjarju]
[*forma legali uffiċjali*]
[*numru ta' reġistrazzjoni legali*]
[indirizz uffiċjali sħiħ]
[numru tal-VAT],
minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-benefiċjarju",
irrappreżentat, għall-iffirmar ta' dan il-ftehim,
minn: …… [*rappreżentant intitolat li jidħol f'impenji legali*] ……,

min-naħa l-oħra,

FTIEHMU

dwar dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali, it-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali u l-estimu baġitarju fl-Anness li għandu jifforma parti integrali minn dan il-ftehim.

Id-dispożizzjonijiet tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali għandhom jieħdu preċedenza fuq dawk ta' partijiet oħra ta' dan il-ftehim. Id-dispożizzjonijiet tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali għandhom jieħdu preċedenza fuq dawk tal-Anness.

WERREJ

Paġna

I. **TERMINI U KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI** 11

Artikolu I.1. — SUĠĠETT TAD-DEĊIŻJONI 11

Artikolu I.2. — PERJODU TA' ELIĠIBILITÀ 11

Artikolu I.3. — FORMA TA' FINANZJAMENT 11

Artikolu I.4. — AMMONT MASSIMU TA' FINANZJAMENT PROVIŻORJU 11

Artikolu I.5. — PAGAMENTI U ARRANĠAMENTI TAL-PAGAMENTI 11

I.5.1. Prefinanzjament 11

I.5.2. Pagament tal-bilanċ lill-benefiċjarju 11

I.5.3. Munita 11

Artikolu I.6. — KONT BANKARJU 12

Artikolu I.7. — DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI ĠENERALI 12

Artikolu I.8. — DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM 12

II. **KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI** 12

PARTI A: *DISPOŻIZZJONIJIET ĠURIDIĊI U AMMINISTRATTIVI* 12

Artikolu II.1. — DEFINIZZJONIJIET 12

Artikolu II.2. — OBBLIGI ĠENERALI TAL-BENEFIĊJARJU 13

Artikolu II.3. — OBBLIGI MARBUTA MA' KONT BANKARJU 14

Artikolu II.4. — RESPONSABILITÀ GĦAD-DANNI 14

Artikolu II.5. — KUNFIDENZJALITÀ 14

Artikolu II.6. — PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI 14

Artikolu II.7. — ŻAMMA TA' REKORDS 14

Artikolu II.8. — VIŻIBILITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UNJONI 15

II.8.1. Informazzjoni dwar il-finanzjament mill-Unjoni 15

II.8.2. Ċaħda ta' responsabbiltà 15

II.8.3. Pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Parlament Ewropew 15

Artikolu II.9. — GĦOTI TA' KUNTRATTI MILL-BENEFIĊJARJU 15

II.9.1. Prinċipji 15

II.9.2. Proċeduri ta' akkwist 16

II.9.3. Responsabilità 16

Artikolu II.10. — APPOĠĠ FINANZJARJU LIL ENTITAJIET ASSOĊJATI 16

Artikolu II.11. — FORCE MAJEURE 17

Artikolu II.12. — SOSPENSJONI TAL-PAGAMENT TA' FINANZJAMENT 17
II.12.1. Raġunijiet għas-sospensjoni 17
II.12.2. Proċedura għal sospensjoni 17
II.12.3. Effetti tas-sospensjoni 17
II.12.4. Tkomplija tal-pagament 17
Artikolu II.13. — IRTIRAR TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT MILL-PARLAMENT EWROPEW 18
II.13.1. Raġunijiet għall-irtirar 18
II.13.2. Proċedura għall-irtirar 18
Artikolu II.14. — TERMINAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT 18
II.14.1. Terminazzjoni fuq talba tal-benefiċjarju 18
II.14.2. Terminazzjoni mill-Parlament Ewropew 18
Artikolu II.15. — ĊESSJONI 19
Artikolu II.16. — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA 19
Artikolu II.17. — LIĠI APPLIKABBLI 19
Artikolu II.18. — DRITT TA' SMIGĦ 19
PARTI B: *DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI* 20
Artikolu II.19. — NEFQA RIMBORŻABBLI 20
II.19.1. Kundizzjonijiet 20
II.19.2. Eżempji ta' nefqa rimborżabbli 20
Artikolu II.20. — NEFQA MHUX RIMBORŻABBLI 21
Artikolu II.21. — IL-BENEFIĊĊJI MHUX FI FLUS 21
Artikolu II.22. — TRASFERIMENTI TAL-BAĠIT 21
Artikolu II.23. — OBBLIGI TA' RAPPORTAR 22
II.23.1. Rapport annwali 22
II.23.2. Rapport tal-awditjar estern 22
Artikolu II.24. — DEĊIŻJONI DWAR RAPPORT ANNWALI 23
Artikolu II.25. — DEĊIŻJONI DWAR L-AMMONT TA' FINANZJAMENT FINALI 23
II.25.1. Impatt tar-rapport annwali 23
II.25.2. Soll 23
II.25.3. Riport ta' fondi mhux minfuqa 23
II.25.4. Deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali 24
II.25.5. Irkupru ta' finanzjament mhux minfuq 24

II.25.6. Bilanċ tal-finanzjament 24
II.25.7. Bilanċ favorevoli ta' riżorsi proprji 24
Artikolu II.26. — IMGĦAX FUQ IL-PREFINANZJAMENT 25
Artikolu II.27. — IRKUPRU 25
II.27.1. Imgħax ta' inadempjenza 25
II.27.2. Tpaċija 25
II.27.3. Imposti bankarji 25
Artikolu II.28. — GARANZIJA FINANZJARJA 26
Artikolu II.29. — KONTROLL 26
II.29.1. Dispożizzjonijiet ġenerali 26
II.29.2. Obbligu li jiġu pprovduti dokumenti u/jew informazzjoni 26
II.29.3. Verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti 26
II.29.4. Proċedura ta' kontroll kontradittorja mill-Parlament Ewropew 27
II.29.5. Effetti tal-konklużjonijiet u s-sejbiet tal-kontroll 27
II.29.6. Drittijiet ta' kontroll tal-OLAF 27
II.29.7. Drittijiet ta' kontroll tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 27
II.29.8. Drittijiet ta' kontroll tal-UPPE 28
II.29.9. Kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-kontroll fid-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament finali 28
II.29.10. Nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont l-Artikolu II.29.1 sal-Artikolu II.29.3 28
ANNESS — ESTIMU BAĠITARJU 29

I. **TERMINI U KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI**

ARTIKOLU I.1. — SUĠĠETT TAL-FTEHIM

Il-Parlament Ewropew jagħti finanzjament għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u l-objettivi statutorji tal-benefiċjarju fis-sena finanzjarja [daħħal], f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali u fit-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali ("termini u kundizzjonijiet"), kif ukoll f'konformità mal-Anness ta' dan il-ftehim. Dan jikkostitwixxi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-finanzjament adottata mill-Parlament Ewropew fi [daħħal id-data].

Il-benefiċjarju ser juża l-finanzjament għall-fini tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u l-objettivi statutorji tiegħu, filwaqt li jaġixxi fuq ir-responsabilità tiegħu stess.

ARTIKOLU I.2. — PERJODU TA' ELIĠIBILITÀ

Il-perjodu ta' eliġibilità għal finanzjament tal-Unjoni għandu jibda jgħodd minn [daħħal JJ/XX/SS] sa [daħħal JJ/XX/SS].

ARTIKOLU I.3. — FORMA TA' FINANZJAMENT

Il-kontribuzzjonijiet mogħtija lill-benefiċjarju skont it-Titolu XI tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) (ir-"Regolament Finanzjarju") għandhom jieħdu l-forma ta' rimborż ta' perċentwal tan-nefqa rimborżabbli mġarrba verament.

ARTIKOLU I.4. — AMMONT MASSIMU TA' FINANZJAMENT PROVIŻORJU

Il-Parlament Ewropew għandu jikkontribwixxi l-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju ta' EUR [daħħal l-ammont] f'konformità mad-deċiżjoni ta' finanzjament adottata mill-Bureau fi [daħħal id-data].

L-estimu baġitarju huwa stabbilit fl-Anness li ġie ppreżentat mill-benefiċjarju fl-applikazzjoni tiegħu għall-finanzjament.

ARTIKOLU I.5. — PAGAMENTI U ARRANĠAMENTI TAL-PAGAMENTI

Il-finanzjament għandu jitħallas skont l-iskeda u l-arranġamenti li ġejjin

I.5.1. **Prefinanzjament**

Il-pagament ta' prefinanzjament ta' EUR [daħħal ammont], li jirrappreżenta [100 % awtomatikament, inkella daħħal il-perċentwal deċiż mill-Parlament Ewropew fid-Deċiżjoni tal-Finanzjament] tal-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu I.4 ta' dan il-ftehim, għandu jsir lill-benefiċjarju fi żmien 30 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim jew, jekk applikabbli, mid-data meta l-Parlament Ewropew jirċievi l-garanzija finanzjarja [ta' EUR... daħħal l-ammont jekk applikabbli], skont liema minnhom tkun l-aktar reċenti.

I.5.2. **Pagament tal-bilanċ lill-benefiċjarju**

F'każ li jkun hemm bilanċ tal-finanzjament li jkun irid jitħallas lill-benefiċjarju, dan għandu jitħallas lill-benefiċjarju fi żmien 30 jum wara d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport annwali u d-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament finali kif speċifikat fl-Artikolu II.25.

I.5.3. **Munita**

Il-pagamenti jitħallsu mill-Parlament Ewropew f'euro. Kwalunkwe konverżjoni tal-ispejjeż reali f'euro għandha ssir bir-rata ta' kuljum ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew inkella, fin-nuqqas ta' dan, bir-rata mensili tal-kontabilità stabbilita mill-Parlament Ewropew u ppubblikata fis-sit web tiegħu, fil-jum meta tinħareġ l-ordni ta' pagament mill-Parlament Ewropew, ħlief meta t-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali jipprevedu espressament mod ieħor.

Il-pagamenti mill-Parlament Ewropew għandhom jitqiesu li jkunu saru fid-data li fiha jiġu ddebitati mill-kont tal-Parlament Ewropew.

([1]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

ARTIKOLU I.6. — KONT BANKARJU

Il-pagamenti għandhom isiru fil-kont jew is-subkont bankarju miżmum mill-benefiċjarju f'bank stabbilit fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, denominat f'euro, u li d-dettalji tiegħu jidhru hawn taħt:

Isem tal-bank: […]
Indirizz tal-fergħa bankarja fejn hemm il-kont: […]
Id-denominazzjoni eżatta tad-detentur tal-kont: […]
Numru tal-kont sħiħ (inklużi l-kodiċi bankarji): […]
IBAN: […]
BIC / SWIFT: […]

ARTIKOLU I.7. — DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI ĠENERALI

Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-Parlament Ewropew b'rabta ma' dan il-ftehim għandha ssir bil-miktub, għandha tinkludi n-numru tal-ftehim u għandha tintbagħat b'mod elettroniku lil fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu jew bil-posta ordinarja lil dan l-indirizz:

Il-Parlament Ewropew
Direttur Ġenerali tal-Finanzi
[għandu jiddaħħal l-indirizz tal-bini/uffiċċju]
L-2929 Il-Lussemburgu
LUSSEMBURGU

Il-posta ordinarja għandha titqies li ntlaqgħet mill-Parlament Ewropew fid-data li hija tiġi formalment irreġistrata mis-Servizz Postali tal-Parlament Ewropew.

Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-benefiċjarju b'rabta ma' dan il-ftehim għandha tkun bil-miktub, għandu jkollha n-numru tal-ftehim u għandha tintbagħat jew lil dan l-indirizz jew b'mod elettroniku lill-indirizz elettroniku ta' hawn taħt:

Sinjur/Sinjura […]
[Funzjoni]
[Isem uffiċjali tal-korp benefiċjarju]
[Indirizz uffiċjali sħiħ]
Indirizz tal-posta elettronika: […]

Il-benefiċjarju għandu jinforma lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega bil-miktub dwar kwalunkwe bidla fl-indirizzi postali jew fl-indirizz elettroniku tiegħu mingħajr dewmien bla bżonn. Dak l-obbligu għandu jkompli japplika għal perjodu ta' ħames snin wara d-data tal-aħħar pagament skont dan il-ftehim.

ARTIKOLU I.8 — DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM

Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fih jiġi ffirmat f'isem il-Parlament Ewropew.

II. **KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI**

PARTI A: *DISPOŻIZZJONIJIET ĠURIDIĊI U AMMINISTRATTIVI*

ARTIKOLU II.1. — DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskop ta' dan il-ftehim:

(1) **"rapport ta' attività"** tfisser ġustifikazzjoni bil-miktub tal-ispejjeż imġarrba matul il-perjodu ta' eliġibilità. Pereżempju, spjegazzjoni tal-attivitajiet, spejjeż amministrattivi, eċċ. Ir-rapport tal-attività huwa parti mir-rapport annwali;

(2) "**rapport annwali**" tfisser rapport li jrid jiġi ppreżentat fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u l-Artikolu 233 tar-Regolament Finanzjarju;

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 2025/2445, 8.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2445/oj).

(3) **"bilanċ tal-finanzjament"** tfisser id-differenza bejn l-ammont tal-prefinanzjament skont l-Artikolu I.5.1 u l-ammont finali tal-finanzjament stabbilit skont l-Artikolu II.25.4;

(4) "**ikklerjar tal-pagamenti**" tfisser sitwazzjoni fejn l-ammont tal-finanzjament finali huwa stabbilit mill-uffiċjal awtorizzanti u l-ammont imħallas lill-benefiċjarju ma jibqax proprjetà tal-Unjoni;

(5) "**kunflitt ta' interessi**" tfisser sitwazzjoni fejn l-implimentazzjoni imparzjali u oġġettiva tal-ftehim mill-benefiċjarju tkun kompromessa minħabba raġunijiet li jinvolvu lill-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż ma' kwalunkwe parti terza relatata mas-suġġett tal-ftehim. L-affinità politika, fil-prinċipju, ma tikkostitwixxix raġuni għal kunflitt ta' interessi fil-każ ta' ftehimiet konklużi bejn il-partit politiku u organizzazzjonijiet li jħaddnu l-istess valuri politiċi. Madankollu, fil-każ ta' tali ftehim, il-konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 trid tiġi osservata;

(6) **"sena finanzjarja N"** tfisser is-sena finanzjarja li għaliha ngħatat il-kontribuzzjoni f'konformità mad-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu I.1;

(7) **"force majeure"** tfisser kwalunkwe sitwazzjoni jew ġrajja mhux prevista u eċċezzjonali li tkun barra mill-kontroll tal-benefiċjarju jew tal-Parlament Ewropew li tipprevjeni lil kwalunkwe wieħed minnhom milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-obbligi tagħhom skont il-ftehim, li mhijiex attribwibbli għal żball jew negliġenza min-naħa tagħhom jew min-naħa tas-sottokuntratturi, l-entitajiet affiljati jew il-partijiet terzi li jirċievu appoġġ finanzjarju u li tirriżulta inevitabbli minkejja li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta. Dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu invokati bħala force majeure: tilwim industrijali, strikes, diffikultajiet finanzjarji jew kwalunkwe difett ta' servizz, difett f'tagħmir jew materjal jew dewmien biex jagħmilhom disponibbli, kemm-il darba ma jkunux ġejjin direttament minn każ rilevanti ta' force majeure;

(8) "**tinnotifika formalment**" tfisser tikkomunika bil-miktub permezz tal-posta jew tal-posta elettronika bi prova tal-kunsinna;

(9) "**frodi**" tfisser kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, jew mannuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku;

(10) **"finanzjament"** tfisser kontribuzzjoni mogħtija f'konformità mat-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju u tal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE, Euratom)2025/2445;

(11) "**irregolarità**" tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni li jirriżulta minn att jew ommissjoni minnaħa tal-benefiċjarju, li jkollu jew jista' jkollu l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni;

(12) **"benefiċċji mhux fi flus"** tfisser kwalunkwe offerta jew kontribuzzjoni in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe prodott, servizz jew xogħol, u kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-benefiċjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punti (9) u (10), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(13) **"riżorsi proprji"** tfisser is-sorsi ta' finanzjament għajr il-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jikkonsistu f'donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet, riżorsi awtoġenerati (kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (9), (10) u (11), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445), u dħul ieħor (eż. imgħax miksub fuq riżervi, danni legali).

ARTIKOLU II.2. — OBBLIGI ĠENERALI TAL-BENEFIĊJARJU

Il-benefiċjarju:

(a) għandu jkollu r-responsabilità unika u l-oneru tal-prova għall-konformità ma' kwalunkwe obbligu legali li jaqa' fuqu;

(b) għandu jkun meħtieġ jagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu li jkun sofra l-Parlament Ewropew b'riżultat tal-implimentazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni inkorretta, tal-ftehim, ħlief fil-każijiet ta' force majeure;

(c) għandu jkun l-uniku wieħed responsabbli fir-rigward ta' partijiet terzi, inkluż għal dannu ta' kwalunkwe għamla li dawn ikunu sofrew waqt l-implimentazzjoni tal-ftehim;

(d) għandu jinforma lill-Parlament Ewropew minnufih bi kwalunkwe tibdil fis-sitwazzjoni legali, finanzjarja, teknika, organizzattiva jew ta' sjieda tiegħu u bi kwalunkwe tibdil f'ismu, fl-indirizz jew fir-rappreżentant legali tiegħu;

(e) għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjeni li jinqala' kwalunkwe kunflitt ta' interessi.

ARTIKOLU II.3. — OBBLIGI MARBUTA MA' KONT BANKARJU

Il-kont jew is-subkont imsemmi fl-Artikolu I.6 irid jippermetti l-identifikazzjoni tal-ammonti mħallsa mill-Parlament Ewropew u jrid ikun riżervat esklużivament biex jilqa' fih l-ammonti msemmija fl-Artikolu I.5 imħallsa mill-Parlament Ewropew.

Jekk l-ammonti mħallsa f'dan il-kont bħala prefinanzjament jirrendu mgħax jew benefiċċji ekwivalenti skont il-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab miftuħ il-kont, tali mgħax jew benefiċċji għandhom jiġu rkuprati mill-Parlament Ewropew b'suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu II.26, f'konformità mal-Artikolu 232(5) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mħallsa mill-Parlament Ewropew ma jistgħu taħt l-ebda ċirkostanza jintużaw għal skopijiet ta' spekulazzjoni.

Il-prefinanzjament jibqa' proprjetà tal-Unjoni sakemm jiġi kklerjat permezz tat-tnaqqis tiegħu mill-ammont finali tal-finanzjament.

ARTIKOLU II.4. — RESPONSABILITÀ GĦAD-DANNI

Il-Parlament Ewropew ma jistax jinżamm responsabbli għall-ebda dannu kkawżat jew imġarrab mill-benefiċjarju, inkluż kwalunkwe dannu kkawżat lil partijiet terzi waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim jew b'konsegwenza ta' tali implimentazzjoni.

Ħlief f'każijiet ta' force majeure, il-benefiċjarju għandu jikkumpensa lill-Parlament Ewropew għal kwalunkwe dannu li jġarrab b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-ftehim jew minħabba li l-ftehim ma jkunx ġie implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tiegħu.

ARTIKOLU II.5. — KUNFIDENZJALITÀ

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-ftehim, fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew f'atti legali oħra applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-Parlament Ewropew u l-benefiċjarju jintrabtu li jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe dokument, informazzjoni jew materjal ieħor direttament relatat mas-suġġett ta' dan il-ftehim.

ARTIKOLU II.6. — PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' dan il-ftehim għandha tiġi pproċessata f'konformità mal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mill-Parlament Ewropew għandu jikkonforma mar-Regolament (UE)2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Tali data għandha tiġi pproċessata biss għall-iskop tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-ftehim mingħajr preġudizzju għall-possibilità li din id-data tiġi ttrasferita lill-korpi responsabbli għat-twettiq tal-kompiti tal-awditjar u l-verifika b'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mill-benefiċjarju b'rabta ma' dan il-ftehim huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Mingħajr preġudizzju għall-każijiet l-oħra previsti f'dak ir-Regolament, l-ipproċessar tad-data personali b'rabta ma' dan il-ftehim huwa awtorizzat biss jekk huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim.

ARTIKOLU II.7. — ŻAMMA TA' REKORDS

F'konformità mal-Artikolu 236 tar-Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarju għandu jżomm ir-rekords, inklużi r-rekords dwar il-kontabilità, l-istatistiċi u t-taxxa, u d-dokumenti ta' sostenn kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-ftehim għal ħames snin wara l-aħħar pagament relatat mal-ftehim.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([5]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Rekords relatati ma' awditi, ma' appelli, ma' litigazzjoni, mas-soluzzjoni ta' pretensjonijiet li jirriżultaw mill-użu tal-finanzjament jew mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jew ma' investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), jekk innotifikati lill-benefiċjarju, għandhom jinżammu sakemm jitlestew it-tali awditi, appelli, litigazzjoni, soluzzjoni ta' pretensjonijiet jew investigazzjonijiet.

Għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist konklużi mill-benefiċjarju għall-implimentazzjoni tal-ftehim, il-benefiċjarju għandu jżomm rekord tal-proċedura tal-offerti, inkluża l-korrispondenza oriġinali (elettronika/stampata) (bħal stediniet bil-miktub għall-offerti u l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta), rekord tal-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti, il-ġustifikazzjoni bil-miktub għall-għażla tal-fornitur finali, u l-kuntratt oriġinali ffirmat miż-żewġ partijiet.

ARTIKOLU II.8. — VIŻIBILITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UNJONI

II.8.1. **Informazzjoni dwar il-finanzjament mill-Unjoni**

Sakemm il-Parlament Ewropew ma jitlobx jew ma jaqbilx mod ieħor, kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni (inkluż online), inkluż waqt konferenzi jew seminars, u kwalunkwe materjal ta' informazzjoni, bħal brochures, fuljetti, posters, preżentazzjonijiet, mill-benefiċjarju, relatata ma' azzjoni ffinanzjata mill-kontribuzzjoni, għandha tirrikonoxxi l-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarju, permezz tad-dikjarazzjoni ta' finanzjament li ġejja (tradotta fil-lingwi lokali, fejn xieraq):

"*Il-partit politiku Ewropew [isem jew akronimu] huwa ffinanzjat sa massimu ta' 95 % mill-fondi tal-Unjoni.*"

II.8.2. **Ċaħda ta' responsabbiltà**

Kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni mill-benefiċjarju, f'kull forma u b'kull mezz, għandha tindika li r-responsabbli uniku hu l-benefiċjarju u li l-Unjoni Ewropea mhix responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni misjuba fihom.

II.8.3. **Pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Parlament Ewropew**

F'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, il-Parlament Ewropew għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu l-informazzjoni li huwa responsabbli għaliha, kif speċifikat fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

ARTIKOLU II.9. — GĦOTI TA' KUNTRATTI MILL-BENEFIĊJARJU

II.9.1. **Prinċipji**

Il-finanzjament jista' jintuża għar-rimborż tan-nefqa relatata ma' kuntratti konklużi mill-benefiċjarju, dment li:

(a) f'konformità mal-Artikolu 226(2) tar-Regolament Finanzjarju, ma kien hemm l-ebda kunflitt ta' interess meta ngħataw il-kuntratti;

(b) f'konformità mal-Artikolu 163(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-prinċipji ta' trasparenza, proporzjonalità, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni ġew irrispettati meta ngħataw il-kuntratti;

(c) it-tul ta' żmien tal-kuntratti ta' akkwist ikkonċernati, inkluż it-tiġdid, ma jaqbiżx il-ħames snin;

(d) għal kuntratti ta' akkwist b'valur li jaqbeż is-EUR 60 000 (eskluża l-VAT) għal kull fornitur u għal kull oġġett jew servizz, il-benefiċjarju jorganizza proċeduri tal-offerti f'konformità mal-Artikolu II.9.2.

Il-valur stmat ta' kuntratt ma għandux jiġi ddeterminat bil-ħsieb li jiġu evitati r-regoli applikabbli, u kuntratt lanqas ma għandu jinqasam għal dak l-għan. Sabiex jiġi ddeterminat jekk intlaħaqx il-limitu ta' EUR 60 000 (eskluża l-VAT), għandu jitqies il-valur globali tal-kuntratt matul id-durata kollha prevista tal-kuntratt, inkluż kwalunkwe ammont relatat mas-sottokuntrattar.

II.9.2. **Proċeduri ta' akkwist**

Għal kuntratti ta' akkwist b'valur li jaqbeż EUR 60 000 (eskluża l-VAT), il-benefiċjarju għandu jorganizza proċeduri ta' akkwist f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sejħa għal offerti (sejħa bil-miktub għal offerti) tinkludi kriterji ta' esklużjoni, kriterji tal-għażla (inkluża l-kapaċità finanzjarja u teknika minima), kriterji tal-għoti u metodu ta' punteġġ ibbażat fuq il-prezz u l-kwalità jew il-prezz biss, kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi (riżultati mistennija, kwalità u volum mistennija ta' servizzi/oġġetti) li abbażi tagħhom il-benefiċjarju għandu jevalwa l-offerti; l-offerenti għandhom jissottomettu offerti ddatati u ffirmati bi prezzijiet (inklużi prezzijiet għal kull unità jekk applikabbli) u dokumenti ta' sostenn, li jippermettu tqabbil bejn l-offerti;

(b) is-sejħa għall-offerti għandha tiġi ppubblikata jew tintbagħat permezz ta' mezzi xierqa, biex tiġi żgurata kompetizzjoni wiesgħa bi skadenzi raġonevoli (mill-inqas 10 ijiem) għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet/offerti;

(c) il-benefiċjarju għandu jiġbor mill-inqas tliet offerti indipendenti. Jekk ikun hemm inqas minn tliet offerti indipendenti bi tweġiba għal istedina bil-miktub għal offerta, il-benefiċjarju għandu juri li kien impossibbli li jinkisbu offerti addizzjonali għall-akkwist inkwistjoni.

(d) l-offerti għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti fis-sejħa għall-offerti; ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jippreżenta l-punteġġi, jenfasizza l-vantaġġi komparattivi tal-offerent magħżul u jkun datat u ffirmat minn rappreżentant(i) tal-benefiċjarju, li ma għandu/għandhom l-ebda kunflitt ta' interess;

(e) il-kuntratti għandhom ikunu datati u ffirmati miż-żewġ partijiet u għandhom jirriflettu l-istess termini bħal fl-offerta, jew jinkludu termini li mhumiex inqas favorevoli għall-benefiċjarju;

(f) is-sottokuntrattar għandu jkun permess jekk ikun inkluż fl-offerti u awtorizzat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Il-proċeduri ta' akkwist jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali kif stabbilit fis-sejħa għall-kontribuzzjonijiet.

II.9.3. **Responsabilità**

Il-benefiċjarju għandu jibqa' l-uniku wieħed responsabbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim u l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim. Il-benefiċjarju għandu jiddikjara fil-kuntratti tiegħu ma' partijiet terzi li l-Parlament Ewropew fl-ebda ċirkostanza ma jista' jitqies bħala parti għal dawk il-kuntratti jew jinżamm responsabbli b'xi mod vis-à-vis il-kuntratturi.

ARTIKOLU II.10. — APPOĠĠ FINANZJARJU LIL ENTITAJIET ASSOĊJATI

L-appoġġ finanzjarju mogħti mill-benefiċjarju lill-entitajiet assoċjati, skont it-tifsira tal-Artikolu 226(3) tar-Regolament Finanzjarju, jista', f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin, jikkostitwixxi nefqa rimborżabbli:

(a) l-appoġġ finanzjarju jingħata mill-benefiċjarju lill-entitajiet assoċjati li ġejjin:. [daħħal l-ismijiet tal-benefiċjarji potenzjali kif indikat fil-formola tal-applikazzjoni];

(b) dawk l-entitajiet huma parti mill-organizzazzjoni amministrattiva tal-benefiċjarju kif stabbilit fl-istatuti tal-benefiċjarju;

(c) l-appoġġ finanzjarju għal kull entità ma għandux jaqbeż il-EUR 100 000;

(d) jintuża mill-entità assoċjata għal nefqa rimborżabbli;

(e) kwaunkwe somma f'daqqa mħallsa lill-entità assoċjata ma taqbiżx kwart tal-appoġġ finanzjarju totali lil dik l-entità.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-Parlament Ewropew, l-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (l-Awtorità), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-UPPE, fejn applikabbli, jew l-OLAF jistgħu jeżerċitaw is-setgħat tagħhom ta' kontroll skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

ARTIKOLU II.11. — FORCE MAJEURE

Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-benefiċjarju jiffaċċja sitwazzjoni ta' force majeure, dawn għandhom jinformaw wieħed lill-ieħor mingħajr dewmien, permezz ta' ittra rreġistrata li jkollha rċevuta li tagħti prova tal-kunsinna jew prova ekwivalenti, liema ittra tiddikjara n-natura, id-durata probabbli u l-effetti probabbli tas-sitwazzjoni inkwistjoni.

Il-Parlament Ewropew u l-benefiċjarju għandhom jagħmlu kull sforz biex inaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata minn sitwazzjoni ta' force majeure.

La l-Parlament Ewropew u lanqas il-benefiċjarju ma għandhom jitqiesu li jkunu kisru xi obbligu tagħhom skont il-ftehim jekk dawn ikunu nżammu milli jissodisfaw dak l-obbligu minħabba force majeure.

ARTIKOLU II.12. — SOSPENSJONI TAL-PAGAMENT TA' FINANZJAMENT

II.12.1. **Raġunijiet għas-sospensjoni**

Il-Parlament Ewropew jista' jissospendi l-pagament tal-finanzjament, f'konformità mar-regoli applikabbli skont ir-Regolament Finanzjarju (b'mod partikolari l-Artikolu 116(4), l-Artikolu 132 u l-Artikolu 234(3) u (5) tiegħu), inkluż fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(i) fejn jissuspetta irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi mwettqa mill-benefiċjarju matul il-proċedura tal-għoti jew waqt l-implimentazzjoni tal-ftehim, sakemm titlesta l-verifika ta' dawk is-suspetti;

(ii) meta l-benefiċjarju jkun ġie soġġett għas-sanzjonijiet finanzjarji previsti fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, li jkunu skadew, sakemm titħallas is-sanzjoni finanzjarja; jew

(iii) jekk il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu II.29.1 sal-Artikolu II. 29.3 ta' dan il-ftehim.

II.12.2. **Proċedura għal sospensjoni**

L-Ewwel Pass — Qabel ma jissospendi l-pagament, il-Parlament Ewropew għandu formalment jinnotifika lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tiegħu ta' sospensjoni, fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għala jixtieq jagħmel dan u jistieden lill-benefiċjarju jressaq osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha jirċievi dik in-notifika.

It-Tieni Pass — Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li ma jkomplix għaddej bil-proċedura ta' sospensjoni, huwa għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dik id-deċiżjoni.

Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jwettaq il-proċedura ta' sospensjoni, huwa għandu jinnotifika formalment lill-benefiċjarju permezz ta' deċiżjoni motivata dwar is-sospensjoni fejn jinfurmah dwar:

(i) id-data indikattiva tat-tlestija tal-verifika meħtieġa fil-każ imsemmi fl-Artikolu II.12.1, il-punt (i), u l-ammonti sospiżi; u

(ii) kwalunkwe rimedju legali.

II.12.3. **Effetti tas-sospensjoni**

Is-sospensjoni tal-pagament għandu jkollha l-effett li l-benefiċjarju ma jkun intitolat li jirċievi l-ebda pagament mill-Parlament Ewropew sa meta l-verifika msemmija fl-Artikolu II.12.2, il-punt (i), fl-ambitu tat-Tieni Pass, tkun tlestiet għalkollox jew ir-raġuni għas-sospensjoni ma tibqax tapplika. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parlament Ewropew li jirtira jew jittermina d-Deċiżjoni ta' Finanzjament skont l-Artikoli II.13 u II.14.

II.12.4. **Tkomplija tal-pagament**

Mill-mument meta r-raġuni għas-sospensjoni tal-pagament ma tibqax tapplika, il-pagamenti kollha kkonċernati għandhom jitkomplew u l-Parlament Ewropew għandu jinnotifika b'dan lill-benefiċjarju.

ARTIKOLU II.13. — IRTIRAR TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT MILL-PARLAMENT EWROPEW

II.13.1. **Raġunijiet għall-irtirar**

Meta l-Awtorità tadotta deċiżjoni biex tneħħi lill-benefiċjarju mir-Reġistru abbażi tal-Artikolu 21(1), il-punt (a)(iv) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, il-Parlament Ewropew għandu jirtira d-deċiżjoni ta' finanzjament li tikkonċerna lill-benefiċjarju skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament u bil-konsegwenzi speċifikati fih.

II.13.2. **Proċedura għall-irtirar**

L-Ewwel Pass — Qabel l-irtirar tad-deċiżjoni ta' finanzjament rigward benefiċjarju, il-Parlament Ewropew għandu jinnotifika formalment lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tiegħu ta' rtirar, fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għala jixtieq jagħmel dan u jistieden lill-benefiċjarju jressaq osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha jirċievi dik in-notifika.

It-Tieni Pass — Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li ma jirtirax id-Deċiżjoni ta' Finanzjament, huwa għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dik id-deċiżjoni.

Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jirtira d-Deċiżjoni ta' Finanzjament, huwa għandu jinnotifika formalment lill-benefiċjarju permezz ta' deċiżjoni motivata dwar l-irtirar.

It-Tielet Pass — B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-irtirar tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-benefiċjarju bit-terminazzjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni.

ARTIKOLU II.14. — TERMINAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT

II.14.1. **Terminazzjoni fuq talba tal-benefiċjarju**

Il-benefiċjarju jista' jitlob li d-Deċiżjoni tal-Finanzjament tiġi terminata.

Il-benefiċjarju għandu formalment jinnotifika lill-Parlament Ewropew dwar it-terminazzjoni, filwaqt li jiddikjara:

(a) ir-raġunijiet għat-terminazzjoni; u

(b) id-data li fiha għandha tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni, li ma għandhiex tkun qabel id-data li fiha tkun intbagħtet in-notifika.

It-terminazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament għandha tidħol fis-seħħ fil-jum speċifikat fid-deċiżjoni tat-terminazzjoni jew, jekk l-ebda data ma tkun speċifikata fiha, fil-jum tan-notifika tagħha lill-benefiċjarju. B'segwitu għat-terminazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu jittermina mingħajr dewmien il-ftehim ta' kontribuzzjoni b'effett mill-istess jum.

II.14.2. **Terminazzjoni mill-Parlament Ewropew**

II.14.2.A. *Raġunijiet għat-terminazzjoni*

Il-Parlament Ewropew għandu jtemm id-Deċiżjoni ta' Finanzjament b'effett futur u bħala riżultat jittermina dan il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta jkun hemm raġuni għat-terminazzjoni skont l-Artikolu 36(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(b) jekk il-benefiċjarju ma jibqax konformi mal-Artikolu 23(2), it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(c) f'konformità mar-regoli applikabbli skont ir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari l-Artikolu 132 tiegħu;

(d) jekk il-benefiċjarju jiġi ddikjarat fallut, ikun għaddej minn proċedura ta' xoljiment jew ikun is-suġġett ta' kwalunkwe proċediment simili ieħor.

II.14.2.B. *Proċedura għat-terminazzjoni*

L-Ewwel Pass — Qabel it-terminazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu formalment jinnotifika lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tiegħu ta' terminazzjoni, fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għala jixtieq jagħmel dan u jistieden lill-benefiċjarju jressaq osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha jirċievi dik in-notifika.

It-Tieni Pass — Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li ma jitterminax id-Deċiżjoni tal-Finanzjament, huwa għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dik id-deċiżjoni.

Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jittermina d-Deċiżjoni tal-Finanzjament, huwa għandu formalment jinnotifika lill-benefiċjarju permezz ta' deċiżjoni motivata dwar it-terminazzjoni.

It-Tielet Pass — B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tat-terminazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-benefiċjarju bit-terminazzjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni.

ARTIKOLU II.15. — ĊESSJONI

Il-benefiċjarju ma jista' jċedi ebda waħda mit-talbiet tiegħu għall-pagament kontra l-Parlament Ewropew lill-ebda parti terza, ħlief jekk approvat minn qabel mill-Parlament Ewropew abbażi ta' talba motivata u bil-miktub mill-benefiċjarju.

Jekk il-Parlament Ewropew ma jaċċettax bil-miktub iċ-ċessjoni jew jekk il-kundizzjonijiet ta' tali ċessjoni ma jiġux osservati, iċ-ċessjoni ma jkollha l-ebda effett legali.

Ċessjoni fl-ebda ċirkostanza ma tista' teżenta lill-benefiċjarju mill-obbligi tiegħu lejn il-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU II.16. — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA

Jekk il-Parlament Ewropew ma jħallasx fil-limiti ta' żmien għall-pagament, il-benefiċjarju għandu jkun intitolat għal imgħax ta' inadempjenza bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu f'euro (ir-"rata ta' referenza"), flimkien ma' tliet punti u nofs. Ir-rata ta' referenza hija r-rata fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li fih jiskadi l-limitu ta' żmien għall-pagament, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Parlament Ewropew jissospendi l-pagamenti kif previst fl-Artikolu II.12, dawn l-azzjonijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala każijiet ta' inadempjenza.

L-imgħax ta' inadempjenza jkopri l-perjodu li jibda mill-jum wara d-data dovuta għall-pagament, sa u inkluża d-data tal-pagament attwali.

Bħala eċċezzjoni għall-ewwel subparagrafu, jekk l-imgħax ikkalkulat ikun inqas minn EUR 200 jew ugwali għal dan l-ammont, il-Parlament Ewropew għandu jintalab iħallas dan l-ammont lill-benefiċjarju biss jekk il-benefiċjarju jitlob dan fi żmien xahrejn minn meta jirċievi pagament tardiv.

ARTIKOLU II.17. — LIĠI APPLIKABBLI

Dan il-ftehim huwa rregolat mil-liġi applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari mir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u r-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju. Dawn huma kkomplementati mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih il-benefiċjarju għandu s-sede tiegħu.

ARTIKOLU II.18. — DRITT TA' SMIGĦ

Fil-każijiet fejn, skont dan il-ftehim, il-benefiċjarju għandu d-dritt jippreżenta l-osservazzjonijiet, il-benefiċjarju għandu jingħata perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol, ħlief fejn previst espressament mod ieħor, biex jippreżenta l-osservazzjonijiet bil-miktub. Dan il-perjodu jista', fuq talba motivata tal-benefiċjarju, jiġi estiż darba b'għaxart ijiem ta' xogħol oħra.

PARTI B: *DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI*

ARTIKOLU II.19. — NEFQA RIMBORŻABBLI

II.19.1. **Kundizzjonijiet**

Sabiex tiġi kkunsidrata eliġibbli għal rimborż mill-finanzjament tal-Unjoni, in-nefqa għandha tissodisfa l-kriterji kumulattivi li ġejjin:

(a) tkun relatata direttament mas-suġġett tal-ftehim u prevista fl-estimu baġitarju anness mal-ftehim;

(b) tkun neċessarja għall-implimentazzjoni tal-ftehim;

(c) tkun raġonevoli u ġustifikata, u tikkonforma mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u l-effiċjenza;

(d) tkun ġġenerata matul il-perjodu ta' eliġibilità kif definit fl-Artikolu I.2, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż relatati ma' rapporti annwali u ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew kontijiet ta' bażi;

(e) tkun imġarrba verament mill-benefiċjarju;

(f) tkun identifikabbli u verifikabbli, u jkun ittieħed rekord tagħha fil-kontijiet tal-benefiċjarju, f'konformità mal-istandards tal-kontabilità applikabbli għalih;

(g) tkun tikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġijiet applikabbli tat-taxxa u s-sigurtà soċjali;

(h) tkun tikkonforma mal-Artikolu II.9.1;

(i) tkun tikkonforma, jekk l-ispejjeż rilevanti jirriżultaw minn kuntratti ta' akkwist b'valur li jaqbeż is-EUR 60 000 (esklużа l-VAT), mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fl-Artikolu II.9.2;

(j) ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew fis-sejħa għall-kontribuzzjonijiet.

Il-proċeduri tal-kontabilità u tal-awditjar intern tal-benefiċjarju għandhom jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni diretta tal-ispejjeż u d-dħul iddikjarati fir-rapport annwali mar-rapporti finanzjarji u d-dokumenti ta' sostenn korrispondenti. In-nuqqas ta' rikonċiljazzjoni xierqa jista' jirriżulta fil-klassifikazzjoni tan-nefqa bħala mhux rimborżabbli.

II.19.2. **Eżempji ta' nefqa rimborżabbli**

B'mod partikolari u, jekk jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu II.19.1, l-ispejjeż operatorji li ġejjin għandhom jitqiesu bħala rimborżabbli:

(a) nefqa relatata ma' assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntiera, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet;

(b) spejjeż relatati mal-persunal, li jinkludu s-salarji attwali, il-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u spejjeż statutorji oħra inklużi fir-remunerazzjoni, sakemm dawn ma jaqbżux ir-rati medji skont il-politika normalment segwita mill-benefiċjarju dwar ir-remunerazzjoni;

(c) spejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tal-persunal, sakemm dawn ikunu konsistenti mal-prattiki normalment segwiti tal-benefiċjarju rigward l-ispejjeż tal-ivvjaġġar;

(d) spejjeż ta' deprezzament ta' tagħmir jew assijiet oħra (ġodda jew użati) kif irreġistrati fir-rapporti kontabilistiċi tal-benefiċjarju, sakemm l-assi

   (i) jiġi deprezzat f'konformità mal-istandards tal-kontabilità lokali u l-prattiki tal-kontabilità applikati b'mod konsistenti matul iż-żmien; u

   (ii) ikun mixtri f'konformità mal-Artikolu II.9.1 u mal-Artikolu II.9.2;

(e) l-ispejjeż ta' garanziji finanzjarji, relatati mal-prefinanzjament imħallas mill-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU II.20. — NEFQA MHUX RIMBORŻABBLI

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu II.19.1 ta' dan il-ftehim, in-nefqa li ġejja għandha titqies bħala nefqa mhux rimborżabbli:

(a) ir-redditu fuq il-kapital u d-dividendi mħallsa mill-benefiċjarju;

(b) id-dejn u l-ispejjeż għas-servizz tad-dejn;

(c) id-dispożizzjonijiet għal telf jew djun;

(d) l-imgħax dovut, bl-eċċezzjoni tal-imgħax negattiv għall-kont li fih jintbagħat il-prefinanzjament mingħand il-Parlament Ewropew, dment li tali mgħax negattiv ma setax jiġi evitat;

(e) id-djun dubjużi;

(f) it-telf fuq il-kambju;

(g) l-ispejjeż tat-trasferimenti mill-Parlament Ewropew imposti mill-bank tal-benefiċjarju;

(h) in-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarju fl-ambitu ta' azzjoni oħra li tirċievi għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni;

(i) il-benefiċċji mhux fi flus;

(j) in-nefqa żejda jew irresponsabbli;

(k) il-VAT deduċibbli;

(l) il-finanzjament projbit ta' ċerti partijiet terzi skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u l-Artikolu 226(3) tar-Regolament Finanzjarju.

(m) in-nefqa relatata ma' tilwim legali mal-Parlament Ewropew jew mal-Awtorità;

(n) l-ammont ta' sanzjonijiet finanzjarji imposti mill-Awtorità jew minn kwalunkwe awtorità nazzjonali u l-imgħax ta' inadempjenza pagabbli b'riżultat ta' dan;

(o) nefqa li ma jkollhiex biżżejjed evidenza ta' sostenn, bħal dokumenti tal-offerti, kuntratti, fatturi, riżultati tanġibbli.

ARTIKOLU II.21. — IL-BENEFIĊĊJI MHUX FI FLUS

Il-valur tal-benefiċċji mhux fi flus ma għandux jaqbeż:

(a) l-ispejjeż li jikkorrispondu għall-benefiċċji mhux fi flus li fil-fatt saru mill-partijiet terzi jew mill-membri li jagħtu dawk il-benefiċċji, debitament ippruvati b'dokumenti tal-kontabilità;

(b) fin-nuqqas ta' tali dokumenti, l-ispejjeż li jikkorrispondu għal dawk ġeneralment aċċettati fis-suq inkwistjoni;

(c) il-valur tagħhom kif aċċettat fl-estimu baġitarju stabbilit fl-Anness;

(d) 50 % tar-riżorsi proprji aċċettati fl-estimu baġitarju.

Il-benefiċċji mhux fi flus:

(a) għandhom jiġu kontabilizzati separatament, kemm fid-dħul kif ukoll fin-nefqa;

(b) għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, kif ukoll mar-regoli tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali nazzjonali;

(c) għandhom jiġu aċċettati biss fuq bażi proviżorja, b'soġġett għal ċertifikazzjoni mill-awditur estern u għall-aċċettazzjoni fid-deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali;

(d) ma għandhomx ikunu f'forma ta' proprjetà immobbli.

ARTIKOLU II.22. — TRASFERIMENTI TAL-BAĠIT

Il-benefiċjarju għandu jkun permess jaġġusta l-estimu baġitarju stabbilit fl-Anness, permezz ta' trasferimenti bejn il-kategoriji differenti tal-baġit mingħajr preġudizzju għall-Artikolu II.21. Dan l-aġġustament ma għandux jirrikjedi emenda tal-ftehim. Dawn it-trasferimenti għandhom jiġu ġġustifikati fir-rapport annwali.

ARTIKOLU II.23. — OBBLIGI TA' RAPPORTAR

II.23.1. **Rapport annwali**

Preferibbilment sal-15 ta' Mejju, u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, wara tmiem is-sena finanzjarja N, il-benefiċjarju għandu jissottometti lill-uffiċjal awtorizzanti permezz ta' delega rapport annwali f'format miftuħ, li jkun jinqara mill-magni, li jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u noti ta' akkumpanjament, li jkopru d-dħul u l-ispejjeż tal-benefiċjarju, l-assi u l-obbligazzjonijiet fil-bidu u fit-tmiem tas-sena finanzjarja, f'konformità mal-liġi applikabbli fl-Istat Membru tas-sede tal-benefiċjarju;

(b) rapport tal-awditjar estern dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, li jkopri kemm l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kif ukoll il-legalità u r-regolarità tad-dħul u tan-nefqa, li jsir minn entità jew espert indipendenti.

(c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet jew il-kontribuzzjonijiet korrispondenti tagħhom u r-riżorsi awtoġenerati tagħhom irrapportati f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(d) rapport ta' attività;

(e) dikjarazzjoni finanzjarja tan-nefqa u d-dħul li fil-fatt saru bbażata fuq l-istruttura tal-estimu baġitarju;

(f) dettalji tal-kontijiet fir-rigward ta' dħul, spejjeż, assijiet u obbligazzjonijiet;

(g) rikonċiljazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (e) mad-dettalji tal-kontijiet imsemmija fil-punt (f);

(h) lista ta' forniturи li talbu lill-benefiċjarju aktar minn EUR 10 000 fis-sena finanzjarja N jew li għalihom il-valur kumulattiv fl-aħħar 5 snin huwa ugwali għal EUR 60 000 jew aktar (eskluża l-VAT), li tispeċifika l-isem u l-indirizz tal-fornitur kif ukoll id-deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti.

L-informazzjoni inkluża fir-rapport annwali għandha tkun biżżejjed biex jiġi stabbilit l-ammont finali tal-finanzjament.

II.23.2. **Rapport tal-awditjar estern**

Il-benefiċjarju għandu jikkoopera mal-korpi jew l-esperti esterni indipendenti, maħtura skont l-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, fit-tħejjija u s-sottomissjoni tar-rapport tal-awditjar estern kif speċifikat fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Għal dak il-għan, il-benefiċjarju għandu jipprovdi kwalunkwe informazzjoni jew dokument li jitlob l-awditur estern skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, inkluż matul il-verifiki fuq il-post, imwettqa fl-istess kundizzjonijiet bħal fl-Artikolu II.29.3 ta' dan il-ftehim.

L-iskop tal-awditjar estern għandu jkun dak li jiċċertifika l-affidabilità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-legalità u r-regolarità tad-dħul u n-nefqa tagħhom, u b'mod partikolari li:

(a) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tħejjew f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għall-benefiċjarju, ma fihomx dikjarazzjonijiet materjali foloz u juru perspettiva vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja u tar-riżultati operattivi;

(b) in-nefqa ddikjarata ġġarrbet verament;

(c) id-dikjarazzjoni tad-dħul tkun eżawrjenti;

(d) id-dokumenti finanzjarji ppreżentati mill-benefiċjarju lill-Parlament ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-ftehim;

(e) l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, b'mod partikolari mill-Artikolu 25 tiegħu, ikunu ġew issodisfati;

(f) l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-ftehim, b'mod partikolari mill-Artikolu II.9 u l-Artikolu II.19 tiegħu, ikunu ġew issodisfati;

(g) il-benefiċċji mhux fi flus ikunu ngħataw realment lill-benefiċjarju u jkunu ġew ivvalutati bi qbil mar-regoli applikabbli;

(h) kwalunkwe parti mhux użata tal-finanzjament tal-Unjoni għas-sena finanzjarja N tkun ġiet riportata għas-sena finanzjarja li jmiss f'konformità mal-Artikolu 232(2) tar-Regolament Finanzjarju jew rimborżata lill-Parlament Ewropew;

(i) il-parti mhux użata tal-finanzjament tal-Unjoni tas-sena finanzjarja N-1 tkun intużat fis-sena finanzjarja N f'konformità mal-Artikolu 232(4) tar-Regolament Finanzjarju;

(j) kwalunkwe eċċess ta' riżorsi proprji jkun ġie ttrasferit fir-riżerva.

ARTIKOLU II.24. — DEĊIŻJONI DWAR RAPPORT ANNWALI

Sal-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi wara s-sena finanzjarja N, il-Parlament Ewropew għandu japprova jew jirrifjuta r-rapport annwali, kif speċifikat fl-Artikolu II.23.1.

Jekk il-Parlament Ewropew ma jagħtix tweġiba bil-miktub fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li jirċievi r-rapport annwali, ir-rapport annwali għandu jitqies li jkun ġie approvat.

L-approvazzjoni tar-rapport annwali hija mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment tal-ammont ta' finanzjament finali skont l-Artikolu II.25 li permezz tiegħu l-Parlament Ewropew jieħu deċiżjoni finali dwar ir-rimborż tan-nefqa.

Il-Parlament Ewropew jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-benefiċjarju sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni dwar ir-rapport annwali. Fil-każ ta' tali talba, id-data ta' skadenza għad-deċiżjoni dwar ir-rapport annwali għandha tkun estiża sakemm tali informazzjoni mitluba tkun waslet u tkun ġiet evalwata mill-Parlament Ewropew. L-iskadenza tista' tiġi estiża wkoll meta tkun intalbet informazzjoni addizzjonali mill-Awtorità skont l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Jekk ir-rapport annwali jkun fih nuqqasijiet sostanzjali, jew jekk l-awditur estern jikkonkludi li ma jistax jifforma opinjoni tal-awditjar minħabba nuqqas ta' evidenza għall-awditjar, il-Parlament Ewropew jista' jirrifjutah mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-benefiċjarju u jista' jitlob li l-benefiċjarju jissottometti rapport ġdid fi żmien 15-il jum ta' xogħol.

It-talbiet għal informazzjoni addizzjonali jew għal rapport ġdid għandhom isiru lill-benefiċjarju bil-miktub.

Jekk ir-rapport annwali li jkun ġie preżentat inizjalment jiġi rrifjutat u jintalab rapport ġdid, il-proċedura ta' approvazzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tapplika għar-rapport il-ġdid.

ARTIKOLU II.25. — DEĊIŻJONI DWAR L-AMMONT TA' FINANZJAMENT FINALI

II.25.1. **Impatt tar-rapport annwali**

Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tistabbilixxi l-ammont ta' finanzjament finali għandha tkun ibbażata fuq ir-rapport annwali approvat f'konformità mal-Artikolu II.24. F'każ ta' rifjut definittiv tar-rapport annwali mill-Parlament Ewropew, jew f'każ li l-benefiċjarju jonqos milli jippreżenta kwalunkwe rapport annwali fi żmien l-iskadenzi applikabbli, l-ebda nefqa rimborżabbli ma tista' tiġi stabbilita mid-deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali.

II.25.2. **Limitu**

L-ammont ta' finanzjament finali għandu jkun limitat għall-ammont stipulat fl-Artikolu I.4. Ma għandux jaqbeżil-95 % tan-nefqa rimborżabbli mġarrba verament.

II.25.3. **Riport ta' fondi mhux minfuqa**

Kwalunkwe parti mill-kontribuzzjoni li ma tkunx intefqet fis-sena finanzjarja N li għaliha tkun ingħatat, għandha tkun riportata għas-sena finanzjarja N+1 u tintefaq fuq kwalunkwe nefqa rimborżabbli li tkun iġġarrbet sal-31 ta' Diċembru tas-sena N+1. L-ammonti li jkun għad fadal mill-kontribuzzjonijiet tas-sena preċedenti ma jistgħux jintużaw għall-finanzjament tal-parti tan-nefqa li l-partiti politiċi Ewropej iridu jipprovdu mir-riżorsi proprji tagħhom.

Fi żmien 20 jum wara t-tmiem tas-sena finanzjarja N, il-benefiċjarju għandu jinforma lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-Parlament Ewropew dwar l-ammont stmat ta' finanzjament riportat għas-sena finanzjarja N+1.

Il-benefiċjarju għandu l-ewwel juża l-parti mill-kontribuzzjoni li ma tkunx intużat fis-sena finanzjarja li għaliha l-kontribuzzjoni tkun ingħatat u huwa biss wara dan li jista' juża kwalunkwe kontribuzzjoni mogħtija wara dik is-sena.

II.25.4. **Deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali**

Kull sena, il-Parlament Ewropew jikkontrolla jekk in-nefqa tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, mar-Regolament Finanzjarju u mal-ftehim. Kull sena huwa għandu jieħu deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali, li għandha tiġi notifikata debitament lill-benefiċjarju.

Jekk l-ammont ta' finanzjament definit fl-Artikolu I.4 jintefaq kompletament matul is-sena finanzjarja N, l-ammont ta' finanzjament finali għandu jiġi stabbilit wara l-għeluq ta' dik is-sena finanzjarja.

F'każ ta' riporti ta' fondi li ma ntefqux għas-sena finanzjarja N+1 f'konformità mal-Artikolu II.25.3, l-ammont ta' finanzjament finali għas-sena N għandu jiġi stabbilit kif ġej:

L-Ewwel Pass — Fis-sena N+1, il-Parlament Ewropew għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż rimborżabbli tas-sena finanzjarja N u l-ewwel parti tal-ammont ta' finanzjament finali tas-sena N, li jikkorrispondu għal dawk l-ispejjeż. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi l-ammont ta' finanzjament li ma ntefaqx mogħti għas-sena finanzjarja N li għandu jiġi riportat għas-sena finanzjarja N+1;

It-Tieni Pass — Fis-sena N+2, il-Parlament Ewropew għandu jiddeċiedi dwar l-ispejjeż rimborżabbli tas-sena finanzjarja N+1, u jiddetermina liema minnhom se jkunu koperti mill-fondi li ma ntefqux riportati għas-sena finanzjarja N+1 (it-tieni parti tal-ammont ta' finanzjament finali).

L-ammont ta' finanzjament finali għas-sena N għandu jkun is-somma tal-ammonti stabbiliti fl-ewwel pass u fit-tieni pass.

L-iskeda prevista fl-Ewwel Pass u fit-Tieni Pass hawn fuq għandha tkun valida sal-punt li ma jkun hemm l-ebda deċiżjoni skont l-Artikolu 8(3) tad-Deċiżjoni tal-Bureau.

L-approvazzjoni tal-prefinanzjament għandha ssir fil-mument li jiġi stabbilit l-ammont ta' finanzjament finali. Fil-każ ta' riport, isir ikklerjar parzjali tal-prefinanzjament fil-mument ta' kull waħda mill-passi msemmija qabel.

II.25.5. **Irkupru ta' finanzjament mhux minfuq**

Kwalunkwe parti li jifdal mill-kontribuzzjoni mogħtija għas-sena N li ma tkunx intefqet sal-aħħar tas-sena N+1 għandha tkun irkuprata f'konformità mal-Kapitolu 6 tat-Titolu IV tar-Regolament Finanzjarju.

II.25.6. **Bilanċ tal-finanzjament**

Jekk il-prefinanzjament imħallas jaqbeż l-ammont ta' finanzjament finali, il-Parlament Ewropew għandu jirkupra l-prefinanzjament imħallas indebitament.

Jekk l-ammont finali tal-finanzjament jaqbeż il-prefinanzjament imħallas, il-Parlament Ewropew għandu jħallas il-bilanċ.

II.25.7. **Eċċessa' riżorsi proprji**

(a) *Bini ta' riżerva speċjali*

Il-benefiċjarju jista' jibni riżerva speċjali mill-eċċess tar-riżorsi proprji.

L-eċċess ta' riżorsi proprji li jrid jiġi trasferit fil-kont tar-riżerva speċjali għandu jkun l-ammont tar-riżorsi proprji li jaqbeż is-somma ta' riżorsi proprji meħtieġa biex jiġu koperti 5 % tan-nefqa rimborżabbli mġarrba verament fis-sena finanzjarja N. Il-benefiċjarju l-ewwel irid ikun kopra n-nefqa mhux rimborżabbli tas-sena finanzjarja N bl-użu tar-riżorsi proprji biss.

Fil-każ ta' riżorsi awtoġenerati, jekk il-benefiċjarju jaqbeż il-limitu stipulat skont l-Artikolu 25(13) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, l-ammont ta' dħul li jaqbeż il-limitu ma għandux jiġi ddikjarat bħala dħul iżda għandu jitnaqqas mit-total tan-nefqa rimborżabbli.

Ir-riżerva għandha tintuża biss biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-benefiċjarju.

(b) *Profitt*

Il-profitt huwa definit bħala eċċess ta' dħul fuq in-nefqa.

Id-dħul jinkludi finanzjament mill-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi proprji tal-benefiċjarju.

Il-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi għal attivitajiet konġunti ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala parti mir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju. Barra minn hekk, il-benefiċjarju ma għandu jirċievi l-ebda finanzjament ieħor mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, direttament jew indirettament. B'mod partikolari, id-donazzjonijiet mill-baġits tal-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew għandhom jiġu pprojbiti.

L-eċċess allokat għar-riżerva speċjali mhux se jitqies għall-kalkolu tal-profitt.

(c) *Irkupru*

Il-finanzjament ma jistax jipproduċi profitt għall-benefiċjarju. Il-Parlament Ewropew għandu jkun intitolat jirkupra l-perċentwal tal-profitt li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispejjeż rimborżabbli.

ARTIKOLU II.26. — IMGĦAX FUQ IL-PREFINANZJAMENT

Il-benefiċjarju għandu jgħarraf lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega bl-ammont ta' imgħax jew benefiċċji ekwivalenti ġġenerati matul is-sena finanzjarja N mill-fondi li jkun irċieva mill-Parlament Ewropew.

Il-Parlament Ewropew għandu jirkupra l-imgħax iġġenerat mill-fondi rispettivi meta jistabbilixxi l-ammont ta' finanzjament finali. Dak l-imgħax ma għandux jiġi inkluż fir-riżorsi proprji.

ARTIKOLU II.27. — IRKUPRU

Jekk ammonti ġew imħallsa indebitament lill-benefiċjarju jew jekk proċedura ta' rkupru tkun ġustifikata skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim, ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew ir-Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarju għandu jħallas lura l-ammonti kkonċernati lill-Parlament Ewropew, skont it-termini u l-kundizzjonijiet u sad-data ta' skadenza stabbilita mill-Parlament Ewropew.

II.27.1. **Imgħax ta' inadempjenza**

Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jħallas lura sal-iskadenza stabbilita mill-Parlament Ewropew, il-Parlament Ewropew għandu jimponi fuq l-ammonti dovuti l-imgħax ta' inadempjenza bir-rata stabbilita fl-Artikolu II.16. L-imgħax ta' inadempjenza għandu jkopri l-perjodu bejn l-iskadenza stabbilita għall-pagament lura u d-data li fiha l-Parlament Ewropew jirċievi pagament lura sħiħ, bl-inklużjoni ta' din tal-aħħar.

Kwalunkwe rimborż parzjali għandu l-ewwel jiddaħħal taħt l-ispejjeż u l-imgħax ta' inadempjenza u biss imbagħad taħt il-kapital.

II.27.2. **Tpaċija**

Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra ta' rkupru previsti fir-Regolament Finanzjarju, jekk ma jkun sar l-ebda pagament sad-data ta' skadenza stipulata, l-ammonti dovuti lill-Parlament Ewropew jistgħu jiġu rkuprati billi jitnaqqsu minn kwalunkwe ammont dovut lill-benefiċjarju għal kwalunkwe raġuni oħra f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. F'każijiet eċċezzjonali, iġġustifikati bil-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew jista' jirkupra permezz ta' tpaċija qabel id-data ta' meta jkun dovut il-pagament. Ma għandux ikun hemm il-ħtieġa ta' kunsens minn qabel tal-benefiċjarju.

II.27.3. **Imposti bankarji**

L-imposti bankarji ġġenerati mill-irkupru tal-ammonti dovuti lill-Parlament Ewropew għandhom jingarru unikament mill-benefiċjarju.

ARTIKOLU II.28. — GARANZIJA FINANZJARJA

Jekk il-Parlament Ewropew jitlob garanzija finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 231 tar-Regolament Finanzjarju, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-garanzija finanzjarja trid tkun ipprovduta minn bank jew istituzzjoni finanzjarja approvata jew, jekk dan jintalab mill-benefiċjarju u jkun aċċettat mill-Parlament Ewropew, minn parti terza;

(b) il-garanti jrid joqgħod bħala garanti tal-ewwel sejħa u ma jkunx jeħtieġ li l-Parlament Ewropew l-ewwel jirrikorri kontra d-debitur prinċipali (jiġifieri l-benefiċjarju kkonċernat); u

(c) il-garanzija finanzjarja trid tibqa' fis-seħħ b'mod espliċitu sakemm il-prefinanzjament ikun ikklerjat għall-pagamenti interim jew għall-pagament tal-bilanċ mill-Parlament Ewropew; jekk il-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru, il-garanzija finanzjarja trid tibqa' fis-seħħ sakemm id-dejn ikun meqjus li jkun kompletament ikklerjat; u l-Parlament Ewropew irid jirrilaxxa l-garanzija matul ix-xahar ta' wara.

ARTIKOLU II.29. — KONTROLL

II.29.1. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tagħhom u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, u mal-Artikolu 129, l-Artikolu 234(1) u l-Artikolu 235(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew, l-Awtorità, l-OLAF, l-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 ([6]) u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jistgħu fi kwalunkwe ħin jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll rispettivi tagħhom sabiex jiġi vverifikat jekk il-benefiċjarju huwiex f'konformità sħiħa mal-obbligi stabbiliti fil-ftehim, fir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u fir-Regolament Finanzjarju.

Il-benefiċjarju għandu debitament jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti u għandu jipprovdilhom l-għajnuna kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli tagħhom.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li kwalunkwe parti terza, inklużi l-kuntratturi u s-sottokuntratturi, involuti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati skont dan il-ftehim, jagħtu drittijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu II.29.1 kif previst fl-Artikolu 129(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Parlament Ewropew u l-Awtorità jistgħu jiddelegaw il-kompitu ta' kontroll lil korpi esterni debitament awtorizzati li jaġixxu f'isimhom ("il-korpi awtorizzati"). Id-dmir ta' kooperazzjoni għandu japplika wkoll fir-rigward ta' tali korpi awtorizzati fl-eżerċizzju tal-kompiti ta' kontroll delegati lilhom.

II.29.2. **Obbligu li jiġu pprovduti dokumenti u/jew informazzjoni**

Il-benefiċjarju għandu jipprovdi kwalunkwe dokument u/jew informazzjoni, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, mitluba mill-Parlament Ewropew, mill-Awtorità jew mill-korp awtorizzat ("l-awtorità kompetenti").

Kwalunkwe dokument jew informazzjoni pprovduti mill-benefiċjarju għandhom jiġu proċessati f'konformità mal-Artikolu II.6.

II.29.3. **Verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti**

L-awtorità kompetenti tista' twettaq verifiki fuq il-post fil-bini tal-benefiċjarju. Għal dan l-għan, hija tista' titlob bil-miktub li l-benefiċjarju jagħmel l-arranġamenti xierqa għal tali verifika fi żmien skadenza xierqa li għandha tiġi stabbilita mill-awtorità kompetenti.

([6]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (*ĠU L 283, 31.10.2017, p. 7*, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

Matul verifika fuq il-post, il-benefiċjarju għandu jippermetti lill-awtorità kompetenti aċċess għas-siti u l-bini fejn l-operazzjoni tkun qiegħda titwettaq jew tkun ġiet imwettqa, kif ukoll għall-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża informazzjoni f'format elettroniku.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-informazzjoni tkun faċilment disponibbli fil-mument tal-verifika fuq il-post u li l-informazzjoni mitluba tiġi mgħoddija f'forma xierqa.

II.29.4. **Proċedura ta' kontroll kontradittorja mill-Parlament Ewropew**

Abbażi tas-sejbiet li jsiru waqt il-proċedura ta' kontroll, il-Parlament Ewropew għandu jħejji rapport ta' konklużjonijiet preliminari li għandu jintbagħat lill-benefiċjarju. Il-benefiċjarju jista' jissottometti osservazzjonijiet sa 30 jum kalendarju mid-data tar-riċevuta tar-rapport tal-awditjar proviżorju.

Abbażi tas-sejbiet tar-rapport ta' konklużjonijiet preliminari u l-osservazzjonijiet possibbli tal-benefiċjarju, il-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi l-konklużjonijiet finali tiegħu. Fin-nuqqas ta' osservazzjonijiet fi żmien dik l-iskadenza, jew jekk il-benefiċjarju jaċċetta s-sejbiet preliminari, dawk is-sejbiet għandhom jitqiesu bħala finali.

II.29.5. **Effetti tal-konklużjonijiet u s-sejbiet tal-kontroll**

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parlament li jieħu l-miżuri skont l-Artikolu II.12 sal-Artikolu II.14, il-konklużjonijiet finali għandhom jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni mill-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-istabbiliment tal-ammont ta' finanzjament finali.

Il-każijiet possibbli ta' frodi jew ksur serju tar-regoli applikabbli żvelati mill-konklużjonijiet finali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew tal-Unjoni għal azzjoni ulterjuri.

Il-Parlament Ewropew jista' b'mod retroattiv jaġġusta d-deċiżjoni dwar l-ammont finali ta' finanzjament fuq il-bażi ta' kontrolli *ex post*, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 74(6) tar-Regolament Finanzjarju.

II.29.6. **Drittijiet ta' kontroll tal-OLAF**

L-OLAF għandu jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' kontroll fil-konfront tal-benefiċjarju f'konformità mar-regoli applikabbli, b'mod partikolari mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([7]), ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), l-Artikolu 129 u l-Artikolu 235(1) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 30(7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Il-benefiċjarju għandu jikkoopera debitament mal-OLAF u għandu jipprovdi lill-OLAF b'kull għajnuna meħtieġa għat-twettiq ta' kontroll tiegħu.

II.29.7. **Drittijiet ta' kontroll tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha teżerċita d-dritt ta' kontroll tagħha f'konformità mar-regoli applikabbli, u b'mod partikolari l-Artikolu 129 u l-Artikolu 235(1) tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikolu 30(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445. L-Artikoli II.29.2 u II.29.3 għandhom japplikaw.

Il-benefiċjarju għandu jikkoopera debitament mal-Qorti tal-Awdituri u għandu jipprovdi lil dik il-Qorti l-għajnuna kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kontroll tagħha.

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (*ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2*, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

([8]) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (*ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1*, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

II.29.8. **Drittijiet ta' kontroll tal-UPPE**

L-UPPE għandu jeżerċita d-drittijiet ta' kontroll tiegħu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939 u r-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju.

Il-benefiċjarju għandu debitament jikkoopera mal-UPPE u għandu jipprovdi lill-UPPE kull għajnuna meħtieġa għat-twettiq tal-kontroll tiegħu.

II.29.9. **Kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-kontroll fid-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament finali**

Il-Parlament Ewropew jista' jqis, fi kwalunkwe ħin, is-sejbiet li jirriżultaw mill-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu II.29.1 biex jistabbilixxi jew jimmodifika l-ammont ta' finanzjament finali filwaqt li jirrispetta d-dritt li jinstema' tal-benefiċjarju skont l-Artikolu II.18 ta' dan il-ftehim.

II.29.10. **Nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont l-Artikolu II.29.1 sal-Artikolu II.29.3**

Jekk il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu II.29.1 sal-Artikolu II.29.3, il-Parlament Ewropew jista' jqis mhux rimborżabbli kwalunkwe nefqa li ma tkunx ġiet sostanzjata b'mod suffiċjenti mill-benefiċjarju.

FIREM

Għall-Benefiċjarju [kunjom/isem/funzjoni]	Għall-Parlament Ewropew [kunjom/isem]
[firma]	[firma]
Magħmul fi [post], [data]	Magħmul fi [post], [data]

Duplikat bil-Malti.

ANNESS

ESTIMU BAĠITARJU

BUDGET FORM [PARTY]
FINANCIAL YEAR [N]

EXPENDITURE				
			Budget	Implemented
A. REIMBURSABLE EXPENDITURE	A.1.	Personnel expenditure	0,00	0,00
	A.1.1.	Salaries and equivalent		
	A.1.2.	Social contributions		
	A.1.3.	Other personnel expenditure (e.g. trainings, mission costs)		
	A.2.	Infrastructure and other administrative expenditure	0,00	0,00
	A.2.1.	Rent, charges and maintenance costs of immovable property		
	A.2.2.	Stationery and office supplies, small equipment and software		
	A.2.3.	Depreciation of tangible and intagible assets		
	A.2.4.	Printing, editing, translation and reproduction costs		
	A.2.5.	Legal costs		
	A.2.6.	Accounting and audit costs, bank fees		
	A.2.7.	Miscellaneous (e.g. other services, administrative meetings)		
	A.3.	Meetings, research & communication	0,00	0,00
	A.3.1.	Costs of meetings, seminars, events		
	A.3.2.	Costs of studies and research		
	A.3.3.	Documentation costs (newspapers, press agencies, databases)		
	A.3.4.	Digital presence & social media		
	A.3.5.	Publicity costs		
	A.3.6.	Election campaigns		
	A.3.7.	Other related costs		
	A.4.	Support to associated entities		
	A.5.	Miscellanious deductions		
TOTAL REIMBURSABLE EXPENDITURE			0,00	0,00
B. NON-REIMBURSABLE EXP.	B.1.	Provisions, impairments & write-offs		
	B.2.	Interests owed and exchange losses		
	B.3.	Non-cash benefits		
	B.4.	Net impact of reclassifications related to previous years		
	B.5.	Others (to be specified)		
TOTAL NON-REIMBURSABLE EXPENDITURE			0,00	0,00
C.		TOTAL EXPENDITURE	0,00	0,00

REVENUE				
			Budget	Implemented
D. EP FUNDING	D.1.	European Parliament funding estimated / used in year N		
	D.2.	European Parliament funding carried over from year N-1 as available at the beginning of year N		
E. OWN RESOURCES	E.1.	Member financial contributions	0,00	0,00
	E.1.1.	from member parties		
	E.1.2.	from individual members		
	E.2	Financial donations	0,00	0,00
		(to be specified)		
	E.3.	Self-generated resources	0,00	0,00
		(e.g. participation fees, sales of publications)		
	E.4.	Other revenue not covered by Regulation (EU, Euratom) 2025/2445	0,00	0,00
		(to be specified)		
	E.5.	Non-cash benefits	0,00	0,00
	E.5.1.	Member non-cash contributions		
	E.5.2.	Non-cash offerings		
TOTAL OWN RESOURCES			0,00	0,00
F.		TOTAL REVENUE	0,00	0,00

G.	SHARE OF SELF-GENERATED RESSOURCES AND OTHER REVENUE IN TOTAL EXPENDITURE	#DIV/0!	#DIV/0!
H.	PROFIT/LOSS	0,00	0,00
I.	INTEREST FROM EP PRE-FINANCING		
J.	EUROPEAN PARLIAMENT FUNDING CARRIED OVER TO YEAR N+1		

= manual data input

ANNESS 1b

[MUDELL TA'] FTEHIM TA' GĦOTJA — FONDAZZJONI

NUMRU:…[DAĦĦAL]

Il-Parlament Ewropew, li s-Segretarjat tiegħu jinsab fi
Plateau du Kirchberg, L-2929 il-Lussemburgu,
minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Parlament Ewropew",
irrappreżentat, għall-iffirmar ta' dan il-ftehim,
minn ……[kunjom/isem/funzjoni],

minn naħa waħda,

kif ukoll

[isem uffiċjali sħiħ tal-benefiċjarju]
[forma legali uffiċjali]
[numru ta' reġistrazzjoni legali]
[indirizz uffiċjali sħiħ]
[numru tal-VAT],
minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-benefiċjarju",
irrappreżentat, għall-iffirmar ta' dan il-ftehim,
minn: …… [rappreżentant intitolat li jidħol f'impenji legali] ……,

min-naħa l-oħra,

FTIEHMU

dwar il-Kundizzjonijiet u t-Termini Speċjali, il-Kundizzjonijiet u t-Termini Ġenerali u l-Annessi li ġejjin:

Anness 1 Estimu Baġitarju

Anness 2 Programm ta' ħidma

li għandhom jagħmlu parti integrali minn dan il-ftehim.

Id-dispożizzjonijiet tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali għandhom jieħdu preċedenza fuq dawk ta' partijiet oħra ta' dan il-ftehim. Id-dispożizzjonijiet tat-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali għandhom jieħdu preċedenza fuq dawk tal-Annessi l-oħra.

WERREJ

Paġna

I. **TERMINI U KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI** 34

Artikolu I.1. — SUĠĠETT TAL-FTEHIM 34

Artikolu I.2. — PERJODU TA' ELIĠIBILITÀ 34

Artikolu I.3. — FORMA TA' FINANZJAMENT 34

Artikolu I.4. — AMMONT MASSIMU TA' FINANZJAMENT PROVIŻORJU 34

Artikolu I.5. — PAGAMENTI U ARRANĠAMENTI TAL-PAGAMENTI 34

I.5.1. Prefinanzjament 34

I.5.2. Pagament tal-bilanċ lill-benefiċjarju 34

I.5.3. Munita 34

Artikolu I.6. — KONT BANKARJU 35

Artikolu I.7. — DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI ĠENERALI 35

Artikolu I.8. — DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM 35

II. **KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI** 35

PARTI A: *DISPOŻIZZJONIJIET ĠURIDIĊI U AMMINISTRATTIVI* 35

Artikolu II.1. — DEFINIZZJONIJIET 35

Artikolu II.2. — OBBLIGI ĠENERALI TAL-BENEFIĊJARJU 36

Artikolu II.3. — OBBLIGI MARBUTA MA' KONT BANKARJU 37

Artikolu II.4. — RESPONSABILITÀ GĦAD-DANNI 37

Artikolu II.5. — KUNFIDENZJALITÀ 37

Artikolu II.6. — PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI 37

Artikolu II.7. — ŻAMMA TA' REKORDS 37

Artikolu II.8. — VIŻIBILITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UNJONI 38

II.8.1. Informazzjoni dwar il-finanzjament mill-Unjoni 38

II.8.2. Ċaħda ta' responsabilità 38

II.8.3. Pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Parlament Ewropew 38

Artikolu II.9. — GĦOTI TA' KUNTRATTI MILL-BENEFIĊJARJU 38

II.9.1. Prinċipji 38

II.9.2. Proċeduri ta' akkwist 39

II.9.3. Responsabilità 39

Artikolu II.10. — APPOĠĠ FINANZJARJU LIL PARTIJIET TERZI 39

Artikolu II.11. — FORCE MAJEURE 40

Artikolu II.12. — SOSPENSJONI TAL-PAGAMENT TA' FINANZJAMENT 40
II.12.1. Raġunijiet għas-sospensjoni 40
II.12.2. Proċedura għal sospensjoni 40
II.12.3. Effetti tas-sospensjoni 40
II.12.4. Tkomplija tal-pagament 40
Artikolu II.13. — IRTIRAR TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT MILL-PARLAMENT EWROPEW 41
II.13.1. Raġunijiet għall-irtirar 41
II.13.2. Proċedura għall-irtirar 41
Artikolu II.14. — TERMINAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT 41
II.14.1. Terminazzjoni fuq talba tal-benefiċjarju 41
II.14.2. Terminazzjoni mill-Parlament Ewropew 41
Artikolu II.15. — ĊESSJONI 42
Artikolu II.16. — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA 42
Artikolu II.17. — LIĠI APPLIKABBLI 42
Artikolu II.18. — DRITT TA' SMIGĦ 42
PARTI B: *DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI* 43
Artikolu II.19. — SPEJJEŻ ELIĠIBBLI 43
II.19.1. Kundizzjonijiet 43
II.19.2. Eżempji ta' spejjeż eliġibbli 43
Artikolu II.20. — Spejjeż ineliġibbli 44
Artikolu II.21. — IL-BENEFIĊĊJI MHUX FI FLUS 44
Artikolu II.22. — TRASFERIMENTI TAL-BAĠIT 44
Artikolu II.23. — OBBLIGI TA' RAPPORTAR 45
II.23.1. Rapport annwali 45
II.23.2. Rapport tal-awditjar estern 45
Artikolu II.24. — DEĊIŻJONI DWAR RAPPORT ANNWALI 46
Artikolu II.25. — DEĊIŻJONI DWAR L-AMMONT TA' FINANZJAMENT FINALI 46
II.25.1. Impatt tar-rapport annwali 46
II.25.2. Limitu 46
II.25.3. Ir-riport tal-eċċess 46
(a) Id-definizzjoni ta' eċċess 47
(b) Kontabilità tad-dispożizzjoni għal spejjeż eliġibbli 47

II.25.4. Id-deċiżjoni tal-ammont finali ta' finanzjament 47
II.25.5. Il-bilanċ tal-finanzjament 47
II.25.6. Profitt 47
(a) Id-definizzjoni 47
(b) Bini ta' riżervi 47
(c) Irkupru 48
Artikolu II.26. — IRKUPRU 48
II.26.1. Imgħax fuq pagament tard 48
II.26.2. Il-kumpens 48
II.26.3. Imposti bankarji 48
Artikolu II.27. — GARANZIJA FINANZJARJA 48
Artikolu II.28. — KONTROLL 49
II.28.1. Dispożizzjonijiet ġenerali 49
II.28.2. Obbligu li jiġu pprovduti dokumenti u/jew informazzjoni 49
II.28.3. Verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti 49
II.28.4. Proċedura ta' kontroll kontradittorja mill-Parlament Ewropew 49
II.28.5. Effetti tal-konklużjonijiet u s-sejbiet tal-kontroll 50
II.28.6. Id-drittijiet ta' kontroll tal-OLAF 50
II.28.7. Id-drittijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 50
II.28.8. Id-drittijiet ta' kontroll tal-UPPE 50
II.28.9. Kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-kontroll fid-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament finali 50
II.28.10. Nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont l-Artikolu II.28.1 sal-Artikolu II.28.3 51
ANNESS 1 - BAĠIT STMAT 52
ANNESS 2 - PROGRAMM TA' ĦIDMA 53

I. **TERMINI U KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI**

ARTIKOLU I.1. — SUĠĠETT TAL-FTEHIM

Il-Parlament Ewropew jagħti finanzjament għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet u l-objettivi statutorji tal-benefiċjarju fis-sena finanzjarja [daħħal], f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali u fit-Termini u l-Kundizzjonijiet Ġenerali ("termini u kundizzjonijiet"), kif ukoll f'konformità mal-Annessi ta' dan il-ftehim. Dan jikkostitwixxi l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-finanzjament adottata mill-Parlament Ewropew fi [daħħal id-data].

Il-benefiċjarju ser juża l-finanzjament għall-fini tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet u l-objettivi statutorji tiegħu, filwaqt li jaġixxi fuq ir-responsabilità tiegħu stess.

ARTIKOLU I.2. — PERJODU TA' ELIĠIBILITÀ

Il-perjodu ta' eliġibilità għal finanzjament tal-Unjoni għandu jibda jgħodd minn [daħħal JJ/XX/SS] sa [daħħal JJ/XX/SS].

ARTIKOLU I.3. — FORMA TA' FINANZJAMENT

L-għotja mogħtija lill-benefiċjarju skont it-Titolu VIII tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] (ir-"Regolament Finanzjarju") għandha tieħu l-forma ta' rimborż ta' perċentwal tal-ispejjeż eliġibbli li fil-fatt ikunu ġew imġarrba.

ARTIKOLU I.4. — AMMONT MASSIMU TA' FINANZJAMENT PROVIŻORJU

Il-Parlament Ewropew għandu jikkontribwixxi l-ammont massimu ta' finanzjament proviżorju ta' EUR [daħħal l-ammont], f'konformità mad-deċiżjoni ta' finanzjament adottata mill-Bureau fi [daħħal id-data].

L-estimu baġitarju huwa stabbilit fl-Anness li ġie ppreżentat mill-benefiċjarju fl-applikazzjoni tiegħu għall-finanzjament.

ARTIKOLU I.5. — PAGAMENTI U ARRANĠAMENTI TAL-PAGAMENTI

Il-finanzjament għandu jitħallas skont l-iskeda u l-arranġamenti li ġejjin.

I.5.1. **Prefinanzjament**

Il-pagament ta' prefinanzjament ta' EUR [daħħal ammont], li jirrappreżenta [100 % awtomatikament, inkella daħħal il-perċentwal deċiż mill-Parlament Ewropew fid-Deċiżjoni tal-Finanzjament] tal-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu I.4 ta' dan il-ftehim, għandu jsir lill-benefiċjarju fi żmien 30 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim jew, jekk applikabbli, mid-data meta l-Parlament Ewropew jirċievi l-garanzija finanzjarja ta' EUR [... daħħal l-ammont jekk applikabbli], skont liema minnhom tkun l-aktar reċenti.

I.5.2. **Pagament tal-bilanċ lill-benefiċjarju**

F'każ li jkun hemm bilanċ tal-finanzjament li jkun irid jitħallas lill-benefiċjarju, dan għandu jitħallas lill-benefiċjarju fi żmien 30 jum wara d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rapport annwali u d-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament finali kif speċifikat fl-Artikolu II.25.

I.5.3. **Munita**

Il-pagamenti jitħallsu mill-Parlament Ewropew f'euro. Kwalunkwe konverżjoni tal-ispejjeż reali f'euro għandha ssir bir-rata ta' kuljum ippubblikata fis-serje C ta' Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew inkella, fin-nuqqas ta' dan, bir-rata menswali tal-kontabilità stabbilita mill-Parlament Ewropew u ppubblikata fis-sit web tiegħu, fil-jum meta tinħareġ l-ordni tal-pagament mill-Parlament Ewropew, ħlief fejn it-Termini u l-Kundizzjonijiet Speċjali jipprevedu espressament mod ieħor.

Il-pagamenti mill-Parlament Ewropew għandhom jitqiesu li jkunu saru fid-data li fiha jiġu ddebitati mill-kont tal-Parlament Ewropew.

[1] Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

ARTIKOLU I.6. — KONT BANKARJU

Il-pagamenti għandhom isiru fil-kont jew is-subkont bankarju miżmum mill-benefiċjarju f'bank stabbilit fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, denominat f'euro, u li d-dettalji tiegħu jidhru hawn taħt:

Isem tal-bank: […]
Indirizz tal-fergħa bankarja fejn hemm il-kont: […]
Id-denominazzjoni eżatta tad-detentur tal-kont: […]
Numru tal-kont sħiħ (inklużi l-kodiċi bankarji): […]
IBAN: […]
BIC / SWIFT: […]

ARTIKOLU I.7. — DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI ĠENERALI

Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-Parlament Ewropew b'rabta ma' dan il-ftehim għandha ssir bil-miktub, għandha tinkludi n-numru ta' dan il-ftehim u għandha tintbagħat jew b'mod elettroniku lil fin.part.fond.pol@europarl.europa.eu jew bil-posta ordinarja lil dan l-indirizz:

Il-Parlament Ewropew
Direttur Ġenerali tal-Finanzi
[għandu jiddaħħal l-indirizz tal-bini/uffiċċju]
L-2929 Lussemburgu
LUSSEMBURGU

Il-posta ordinarja għandha titqies li ntlaqgħet mill-Parlament Ewropew fid-data li hija tiġi formalment irreġistrata mis-Servizz Postali tal-Parlament Ewropew.

Kwalunkwe komunikazzjoni indirizzata lill-benefiċjarju b'rabta ma' dan il-ftehim għandha tkun bil-miktub, għandu jkollha n-numru tal-ftehim u għandha tintbagħat jew lil dan l-indirizz jew b'mod elettroniku lill-indirizz elettroniku ta' hawn taħt:

Sinjur/Sinjura […]
[Funzjoni]
[Isem uffiċjali tal-korp benefiċjarju]
[Indirizz uffiċjali sħiħ]
Indirizz tal-posta elettronika: […]

Il-benefiċjarju għandu jinforma lill-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delega bil-miktub dwar kwalunkwe bidla fl-indirizzi postali jew fl-indirizz elettroniku tiegħu mingħajr dewmien bla bżonn. Dak l-obbligu għandu jkompli japplika għal perjodu ta' ħames snin wara d-data tal-aħħar pagament skont dan il-ftehim.

ARTIKOLU I.8. — DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-FTEHIM

Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fih jiġi ffirmat f'isem il-Parlament Ewropew.

II. **KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI**

PARTI A: *DISPOŻIZZJONIJIET ĠURIDIĊI U AMMINISTRATTIVI*

ARTIKOLU II.1. — DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskop ta' dan il-ftehim:

(1) **"rapport ta' attività"** tfisser ġustifikazzjoni bil-miktub tal-ispejjeż imġarrba matul il-perjodu ta' eliġibilità. Pereżempju, spjegazzjoni tal-attivitajiet, spejjeż amministrattivi, eċċ. Ir-rapport tal-attività huwa parti mir-rapport annwali;

(2) **"rapport annwali"** tfisser rapport li jrid jiġi ppreżentat fi żmien sitt xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (ĠU L 2025/2445, 8.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2445/oj).

(3) **"bilanċ tal-finanzjament"** tfisser id-differenza bejn l-ammont tal-prefinanzjament skont l-Artikolu I.5.1 u l-ammont finali tal-finanzjament stabbilit skont l-Artikolu II.25.4;

(4) **"ikklerjar tal-pagamenti"** tfisser sitwazzjoni fejn l-ammont tal-finanzjament finali huwa stabbilit mill-uffiċjal awtorizzanti u l-ammont imħallas lill-benefiċjarju ma jibqax proprjetà tal-Unjoni;

(5) **"kunflitt ta' interessi"** tfisser sitwazzjoni fejn l-implimentazzjoni imparzjali u oġġettiva tal-ftehim mill-benefiċjarju tkun kompromessa minħabba raġunijiet li jinvolvu lill-familja, il-ħajja emozzjonali, l-affinità nazzjonali, l-interess ekonomiku jew kwalunkwe interess ieħor kondiviż ma' kwalunkwe parti terza oħra relatata mas-suġġett tal-ftehim. L-affinità politika, fil-prinċipju, ma tikkostitwixxix raġuni għal kunflitt ta' interessi fil-każ ta' ftehimiet konklużi bejn il-fondazzjoni politika u organizzazzjonijiet li jħaddnu l-istess valuri politiċi. Madankollu, fil-każ ta' tali ftehim, il-konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 trid tiġi osservata;

(6) **"sena finanzjarja N"** tfisser is-sena finanzjarja li għaliha ngħatat l-għotja f'konformità mad-deċiżjoni ta' finanzjament imsemmija fl-Artikolu I.1;

(7) **"force majeure"** tfisser kwalunkwe sitwazzjoni jew ġrajja mhux prevista u eċċezzjonali li tkun barra mill-kontroll tal-benefiċjarju jew tal-Parlament Ewropew li tipprevjeni lil kwalunkwe wieħed minnhom milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-obbligi tagħhom skont il-ftehim, li mhijiex attribwibbli għal żball jew negliġenza min-naħa tagħhom jew min-naħa tas-sottokuntratturi, l-entitajiet affiljati jew il-partijiet terzi li jirċievu appoġġ finanzjarju u li tirriżulta inevitabbli minkejja li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta. Dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu invokati bħala force majeure: tilwim industrijali, strikes, diffikultajiet finanzjarji jew kwalunkwe difett ta' servizz, difett f'tagħmir jew materjal jew dewmien biex jagħmilhom disponibbli, kemm-il darba ma jkunux ġejjin direttament minn każ rilevanti ta' force majeure;

(8) **"tinnotifika formalment"** tfisser tikkomunika bil-miktub permezz tal-posta jew tal-posta elettronika bi prova tal-kunsinna;

(9) **"frodi"** tfisser kwalunkwe att jew ommissjoni intenzjonati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni relatati mal-użu jew il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, jew mannuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku;

(10) **"finanzjament"** tfisser għotja mogħtija f'konformità mat-Titolu VIII tar-Regolament Finanzjarju u mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(11) **"irregolarità"** tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni li jirriżulta minn att jew ommissjoni minnaħa tal-benefiċjarju, li jkollu jew jista' jkollu l-effett li jippreġudika l-baġit tal-Unjoni;

(12) **"benefiċċji mhux fi flus"** tfisser kwalunkwe offerta jew kontribuzzjoni in natura, il-forniment taħt il-valur tas-suq ta' kwalunkwe prodott, servizz jew xogħol, u kwalunkwe tranżazzjoni oħra li tikkostitwixxi vantaġġ ekonomiku għall-benefiċjarju skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punti (9) u (10), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(13) **"riżorsi proprji"** tfisser is-sorsi ta' finanzjament għajr il-finanzjament mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jikkonsistu f'donazzjonijiet, kontribuzzjonijiet, riżorsi awtoġenerati (kif definiti fl-Artikolu 2, il-punti (9), (10) u (11), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445), u dħul ieħor (eż. imgħax miksub fuq riżervi, danni legali);

ARTIKOLU II.2. — OBBLIGI ĠENERALI TAL-BENEFIĊJARJU

Il-benefiċjarju:

(a) għandu jkollu r-responsabilità unika u l-oneru tal-prova għall-konformità ma' kwalunkwe obbligu legali li jaqa' fuqu;

(b) għandu jkun meħtieġ jagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu li jkun sofra l-Parlament Ewropew b'riżultat tal-implimentazzjoni, inkluża l-implimentazzjoni inkorretta, tal-ftehim, ħlief fil-każijiet ta' force majeure;

(c) għandu jkun l-uniku wieħed responsabbli fir-rigward ta' partijiet terzi, inkluż għal dannu ta' kwalunkwe għamla li dawn ikunu sofrew waqt l-implimentazzjoni tal-ftehim;

(d) għandu jinforma lill-Parlament Ewropew minnufih bi kwalunkwe tibdil fis-sitwazzjoni legali, finanzjarja, teknika, organizzattiva jew ta' sjieda tiegħu u bi kwalunkwe tibdil f'ismu, fl-indirizz jew fir-rappreżentant legali tiegħu;

(e) għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprevjeni li jinqala' kwalunkwe kunflitt ta' interessi.

ARTIKOLU II.3. — OBBLIGI MARBUTA MA' KONT BANKARJU

Il-kont jew is-subkont imsemmi fl-Artikolu I.6 irid jippermetti l-identifikazzjoni tal-ammonti mħallsa mill-Parlament Ewropew u l-interessi miksuba jew benefiċċji ekwivalenti.

Jekk l-ammonti mħallsa f'dan il-kont jirrendu mgħax jew benefiċċji ekwivalenti skont il-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab miftuħ il-kont, tali mgħax jew benefiċċji jistgħu jinżammu mill-benefiċjarju bi qbil mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ammonti mħallsa mill-Parlament Ewropew ma jistgħu taħt l-ebda ċirkostanza jintużaw għal skopijiet ta' spekulazzjoni.

Il-prefinanzjament jibqa' proprjetà tal-Unjoni sakemm jiġi kklerjat permezz tat-tnaqqis tiegħu mill-ammont finali tal-finanzjament.

ARTIKOLU II.4. — RESPONSABILITÀ GĦAD-DANNI

Il-Parlament Ewropew ma jistax jinżamm responsabbli għall-ebda dannu kkawżat jew imġarrab mill-benefiċjarju, inkluż kwalunkwe dannu kkawżat lil partijiet terzi waqt l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim jew b'konsegwenza ta' tali implimentazzjoni.

Ħlief f'każijiet ta' force majeure, il-benefiċjarju għandu jikkumpensa lill-Parlament Ewropew għal kwalunkwe dannu li jġarrab b'riżultat tal-implimentazzjoni tal-ftehim jew minħabba li l-ftehim ma jkunx ġie implimentat b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tiegħu.

ARTIKOLU II.5. — KUNFIDENZJALITÀ

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'dan il-ftehim, fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew u f'atti legali oħra applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), il-Parlament Ewropew u l-benefiċjarju jintrabtu li jippreservaw il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe dokument, informazzjoni jew materjal ieħor direttament relatat mas-suġġett ta' dan il-ftehim.

ARTIKOLU II.6. — PROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

Kwalunkwe data ta' natura personali miġbura fil-kuntest tal-ftehim għandha tiġi pproċessata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 40 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445. Kwalunkwe pproċessar tad-data personali mill-Parlament Ewropew għandu jikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

Tali data għandha tiġi pproċessata biss għall-iskop tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-ftehim mingħajr preġudizzju għall-possibilità li din id-data tiġi ttrasferita lill-korpi responsabbli għat-twettiq tal-kompiti tal-awditjar u l-verifika b'konformità mal-liġi tal-Unjoni.

Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mill-benefiċjarju b'rabta ma' dan il-ftehim huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]). Mingħajr preġudizzju għall-każijiet l-oħra previsti f'dak ir-Regolament, l-ipproċessar tad-data personali b'rabta ma' dan il-ftehim huwa awtorizzat biss jekk huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim.

ARTIKOLU II.7. — ŻAMMA TA' REKORDS

F'konformità mal-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarju għandu jżommkwalunkwe rekord, inklużi r-rekords dwar il-kontabilità, l-istatistiċi u t-taxxa, u d-dokumenti ta' sostenn kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-ftehim għal ħames snin wara l-aħħar pagament relatat mal-ftehim.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([5]) Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

Rekords relatati ma' awditi, ma' appelli, ma' litigazzjoni, mas-soluzzjoni ta' pretensjonijiet li jirriżultaw mill-użu tal-finanzjament jew mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jew ma' investigazzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), jekk innotifikati lill-benefiċjarju, għandhom jinżammu sakemm jitlestew it-tali awditi, appelli, litigazzjoni, soluzzjoni ta' pretensjonijiet jew investigazzjonijiet.

Għal kwalunkwe kuntratt ta' akkwist konklużi mill-benefiċjarju għall-implimentazzjoni tal-ftehim, il-benefiċjarju għandu jżomm rekord tal-proċedura kollha tal-offerti, inklużi l-korrispondenza oriġinali (elettronika/stampata) (bħal stediniet bil-miktub għall-offerti u l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta), rekord tal-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti, il-ġustifikazzjoni bil-miktub għall-għażla tal-fornitur finali, u l-kuntratt oriġinali ffirmat miż-żewġ partijiet.

ARTIKOLU II.8. — VIŻIBILITÀ TAL-FINANZJAMENT MILL-UNJONI

II.8.1. **Informazzjoni dwar il-finanzjament mill-Unjoni**

Sakemm il-Parlament Ewropew ma jitlobx jew ma jaqbilx mod ieħor, kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni (inkluż online), inkluż waqt konferenzi jew seminars, u kwalunkwe materjal ta' informazzjoni, bħal brochures, fuljetti, posters, preżentazzjonijiet, mill-benefiċjarju, relatata ma' azzjoni ffinanzjata mill-għotja, għandha tirrikonoxxi l-appoġġ tal-Unjoni lill-benefiċjarju, permezz tad-dikjarazzjoni ta' finanzjament li ġejja (tradotta fil-lingwi lokali, fejn xieraq):

"Il-Fondazzjoni politika Ewropea [isem jew akronimu] hija ffinanzjata sa massimu ta' 95 % mill-fondi tal-Unjoni."

II.8.2. **Ċaħda ta' responsabilità**

Kull komunikazzjoni jew pubblikazzjoni mill-benefiċjarju f'kull forma u b'kull mezz, għandha tindika li r-responsabbli uniku hu l-benefiċjarju u li l-Unjoni Ewropea mhix responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni misjuba fihom.

II.8.3. **Pubblikazzjoni tal-informazzjoni mill-Parlament Ewropew**

F'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, il-Parlament Ewropew għandu jippubblika fuq is-sit web tiegħu l-informazzjoni li huwa responsabbli għaliha, kif speċifikat fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

ARTIKOLU II.9. — GĦOTI TA' KUNTRATTI MILL-BENEFIĊJARJU

II.9.1. **Prinċipji**

Il-finanzjament jista' jintuża għar-rimborż tan-nefqa relatata ma' kuntratti konklużi mill-benefiċjarju, dment li:

(a) ma kien hemm l-ebda kunflitt ta' interess meta ngħataw il-kuntratti;

(b) f'konformità mal-Artikolu 163(1) tar-Regolament Finanzjarju, il-prinċipji ta' trasparenza, proporzjonalità, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni ġew irrispettati meta ngħataw il-kuntratti;

(c) it-tul ta' żmien tal-kuntratti ta' akkwist ikkonċernati, inkluż it-tiġdid, ma jaqbiżx il-ħames snin;

(d) għal kuntratti ta' akkwist b'valur li jaqbeż is-EUR 60 000 (eskluża l-VAT) għal kull fornitur u għal kull oġġett jew servizz, il-benefiċjarju jorganizza proċeduri tal-offerti f'konformità mal-Artikolu II.9.2.

Il-valur stmat ta' kuntratt ma għandux jiġi ddeterminat bil-ħsieb li jiġu evitati r-regoli applikabbli, u kuntratt lanqas ma għandu jinqasam għal dak l-għan. Sabiex jiġi ddeterminat jekk intlaħaqx il-limitu ta' EUR 60 000 (eskluża l-VAT), għandu jitqies il-valur globali tal-kuntratt matul id-durata kollha prevista tal-kuntratt, inkluż kwalunkwe ammont relatat mas-sottokuntrattar.

II.9.2. **Proċeduri ta' akkwist**

Għal kuntratti ta' akkwist b'valur li jaqbeż EUR 60 000 (eskluża l-VAT), il-benefiċjarju għandu jorganizza proċeduri ta' akkwist f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sejħa għal offerti (sejħa bil-miktub għal offerti) tinkludi kriterji ta' esklużjoni, kriterji tal-għażla (inkluża l-kapaċità finanzjarja u teknika minima), kriterji tal-għoti u metodu ta' punteġġ ibbażat fuq il-prezz u l-kwalità jew il-prezz biss, kif ukoll speċifikazzjonijiet tekniċi (riżultati mistennija, kwalità u volum mistennija ta' servizzi/oġġetti) li abbażi tagħhom il-benefiċjarju għandu jevalwa l-offerti; l-offerenti għandhom jissottomettu offerti ddatati u ffirmati bi prezzijiet (inklużi prezzijiet għal kull unità jekk applikabbli) u dokumenti ta' sostenn, li jippermettu tqabbil bejn l-offerti;

(b) is-sejħa għall-offerti għandha tiġi ppubblikata jew tintbagħat permezz ta' mezzi xierqa, biex tiġi żgurata kompetizzjoni wiesgħa bi skadenzi raġonevoli (mill-inqas 10 ijiem) għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet/offerti;

(c) il-benefiċjarju għandu jiġbor mill-inqas tliet offerti indipendenti. Jekk ikun hemm inqas minn tliet offerti indipendenti bi tweġiba għal istedina bil-miktub għal offerta, il-benefiċjarju għandu juri li kien impossibbli li jinkisbu offerti addizzjonali għall-akkwist inkwistjoni;

(d) l-offerti għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti fis-sejħa għall-offerti; ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jippreżenta l-punteġġi, jenfasizza l-vantaġġi komparattivi tal-offerent magħżul u jkun datat u ffirmat minn rappreżentant(i) tal-benefiċjarju, li ma għandu/għandhom l-ebda kunflitt ta' interess;

(e) il-kuntratti għandhom ikunu datati u ffirmati miż-żewġ partijiet u għandhom jirriflettu l-istess termini bħal fl-offerta, jew jinkludu termini li mhumiex inqas favorevoli għall-benefiċjarju;

(f) is-sottokuntrattar għandu jkun permess jekk ikun inkluż fl-offerti u awtorizzat fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

Il-proċeduri ta' akkwist jistgħu jkunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali kif stabbilit fis-sejħa għall-proposti.

II.9.3. **Responsabilità**

Il-benefiċjarju għandu jibqa' l-uniku wieħed responsabbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim u l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim. Il-benefiċjarju għandu jiddikjara fil-kuntratti tiegħu ma' partijiet terzi li l-Parlament Ewropew fl-ebda ċirkostanza ma jista' jitqies bħala parti għal dawk il-kuntratti jew jinżamm responsabbli b'xi mod vis-à-vis il-kuntratturi.

ARTIKOLU II.10. — APPOĠĠ FINANZJARJU LIL PARTIJIET TERZI

L-appoġġ finanzjarju mogħti mill-benefiċjarju lil partijiet terzi, skont it-tifsira tal-Artikolu 207 tar-Regolament Finanzjarju, jista', f'konformità mal-kundizzjonijiet li ġejjin, jikkostitwixxi spejjeż eliġibbli:

(a) l-appoġġ finanzjarju jingħata mill-benefiċjarju lill-partijiet terzi li ġejjin, li għandhom personalità ġuridika fil-mument tal-applikazzjoni u fil-mument tal-pagament tal-pagament:... [daħħal l-ismijiet tal-benefiċjarji potenzjali kif indikat fil-formola tal-applikazzjoni];

(b) l-appoġġ finanzjarju għal kull parti terza ma jaqbiżx is-EUR 60 000;

(c) jinħareġ minn parti terza għal spejjeż eliġibbli;

Partit politiku nazzjonali jew Ewropew u fondazzjoni politika nazzjonali jew Ewropea ma jistgħux jitqiesu bħala parti terza għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-Parlament Ewropew, l-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (l-Awtorità), il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-UPPE, fejn applikabbli, jew l-OLAF jistgħu jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll tagħhom skont il-Kapitolu V tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

ARTIKOLU II.11. — FORCE MAJEURE

Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-benefiċjarju jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' force majeure, dawn għandhom jinformaw wieħed lill-ieħor mingħajr dewmien, permezz ta' ittra rreġistrata li jkollha rċevuta li tagħti prova tal-kunsinna jew prova ekwivalenti, liema ittra tiddikjara n-natura, id-durata probabbli u l-effetti probabbli tas-sitwazzjoni inkwistjoni.

Il-Parlament Ewropew u l-benefiċjarju għandhom jagħmlu kull sforz biex inaqqsu kemm jista' jkun kwalunkwe ħsara li tista' tiġi kkawżata minn sitwazzjoni ta' force majeure.

La l-Parlament Ewropew u lanqas il-benefiċjarju ma għandhom jitqiesu li jkunu kisru xi obbligu tagħhom skont il-ftehim jekk dawn ikunu nżammu milli jissodisfaw dak l-obbligu minħabba force majeure.

ARTIKOLU II.12. — SOSPENSJONI TAL-PAGAMENT TA' FINANZJAMENT

II.12.1. **Raġunijiet għas-sospensjoni**

Il-Parlament Ewropew jista' jissospendi l-pagament tal-finanzjament, f'konformità mar-regoli applikabbli skont ir-Regolament Finanzjarju, (b'mod partikolari l-Artikolu 116(4), l-Artikolu 132 u l-Artikolu 205(2) tiegħu), inkluż fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(i) fejn jissuspetta irregolaritajiet, frodi jew ksur tal-obbligi mwettqa mill-benefiċjarju matul il-proċedura tal-għoti jew waqt l-implimentazzjoni tal-ftehim sakemm titlesta l-verifika ta' dawk is-suspetti;

(ii) meta l-benefiċjarju jkun ġie soġġett għas-sanzjonijiet finanzjarji previsti fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, li jkunu skadew, sakemm titħallas is-sanzjoni finanzjarja, jew

(iii) jekk il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligi stipulati fl-Artikolu II.28.1 sal-Artikolu II. 28.3 ta' dan il-ftehim.

II.12.2. **Proċedura għal sospensjoni**

L-Ewwel Pass — Qabel ma jissospendi l-pagament, il-Parlament Ewropew għandu formalment jinnotifika lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tiegħu ta' sospensjoni, fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għala jixtieq jagħmel dan u jistieden lill-benefiċjarju jressaq osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha jirċievi dik in-notifika.

It-Tieni Pass — Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li ma jkomplix għaddej bil-proċedura ta' sospensjoni, huwa għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dik id-deċiżjoni.

Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jwettaq il-proċedura ta' sospensjoni, huwa għandu jinnotifika formalment lill-benefiċjarju permezz ta' deċiżjoni motivata dwar is-sospensjoni fejn jinfurmah dwar:

(i) id-data indikattiva tat-tlestija tal-verifika meħtieġa fil-każ imsemmi fl-Artikolu II.12.1, il-punt (i), u l-ammonti sospiżi; u

(ii) kwalunkwe rimedju legali.

II.12.3. **Effetti tas-sospensjoni**

Is-sospensjoni tal-pagament għandu jkollha l-effett li l-benefiċjarju ma jkun intitolat li jirċievi l-ebda pagament mill-Parlament Ewropew sa meta l-verifika msemmija fl-Artikolu II.12.2, il-punt (i), fl-ambitu tat-Tieni Pass, tkun tlestiet għalkollox jew ir-raġuni għas-sospensjoni ma tibqax tapplika. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parlament Ewropew li jirtira jew jittermina d-Deċiżjoni tal-Finanzjament skont l-Artikoli II.13 u II.14.

II.12.4. **Tkomplija tal-pagament**

Mill-mument meta r-raġuni għas-sospensjoni tal-pagament ma tibqax tapplika, il-pagamenti kollha kkonċernati għandhom jitkomplew u l-Parlament Ewropew għandu jinnotifika b'dan lill-benefiċjarju.

ARTIKOLU II.13. — IRTIRAR TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT MILL-PARLAMENT EWROPEW

II.13.1. **Raġunijiet għall-irtirar**

Meta l-Awtorità tadotta deċiżjoni biex tneħħi lill-benefiċjarju mir-Reġistru abbażi tal-Artikolu 21(1), il-punt (a)(iv) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, il-Parlament Ewropew għandu jirtira d-deċiżjoni ta' finanzjament li tikkonċerna lill-benefiċjarju skont l-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament u bil-konsegwenzi speċifikati fih.

II.13.2. **Proċedura għall-irtirar**

L-Ewwel Pass — Qabel l-irtirar tad-deċiżjoni ta' finanzjament rigward benefiċjarju, il-Parlament Ewropew għandu jinnotifika formalment lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tiegħu ta' rtirar, fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għala jixtieq jagħmel dan u jistieden lill-benefiċjarju jressaq osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha jirċievi dik in-notifika.

It-Tieni Pass — Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li ma jirtirax id-Deċiżjoni ta' Finanzjament, huwa għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dik id-deċiżjoni.

Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jirtira d-Deċiżjoni ta' Finanzjament, huwa għandu jinnotifika formalment lill-benefiċjarju permezz ta' deċiżjoni motivata dwar l-irtirar.

It-Tielet Pass — B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-irtirar tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-benefiċjarju bit-terminazzjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni.

ARTIKOLU II.14. — TERMINAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TA' FINANZJAMENT

II.14.1. **Terminazzjoni fuq talba tal-benefiċjarju**

Il-benefiċjarju jista' jitlob li d-Deċiżjoni tal-Finanzjament tiġi terminata.

Il-benefiċjarju għandu formalment jinnotifika lill-Parlament Ewropew dwar it-terminazzjoni, filwaqt li jiddikjara:

(a) ir-raġunijiet għat-terminazzjoni; u

(b) d-data li fiha għandha tidħol fis-seħħ it-terminazzjoni, li ma għandhiex tkun qabel id-data li fiha tkun intbagħtet in-notifika.

It-terminazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament għandha tidħol fis-seħħ fil-jum speċifikat fid-deċiżjoni tat-terminazzjoni jew, jekk l-ebda data ma tkun speċifikata fiha, fil-jum tan-notifika tagħha lill-benefiċjarju. B'segwitu għat-terminazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu jittermina mingħajr dewmien il-ftehim ta' kontribuzzjoni b'effett mill-istess jum.

II.14.2. **Terminazzjoni mill-Parlament Ewropew**

II.14.2.A. *Raġunijiet għat-terminazzjoni*

Il-Parlament Ewropew għandu jtemm id-Deċiżjoni ta' Finanzjament b'effett futur u bħala riżultat jittermina dan il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 36 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta jkun hemm raġuni għat-terminazzjoni skont l-Artikolu 36(1), il-punt (a) jew (b), tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(b) jekk il-benefiċjarju ma jibqax konformi mal-Artikolu 23(2), it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(c) fil-każijiet previsti fl-Artikoli 132 u 205 tar-Regolament Finanzjarju;

(d) il-benefiċjarju jew kwalunkwe persuna relatata jew persuna li assumiet responsabilità illimitata għad-dejn tal-benefiċjarju taqa' f'waħda mis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 138(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament Finanzjarju;

(e) il-benefiċjarju jew kwalunkwe persuna relatata li ssib lilha nnifisha fi kwalunkwe sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 138(1), il-punti (c) sa (h), jew taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 138(3) tar-Regolament Finanzjarju.

II.14.2.B. *Proċedura għat-terminazzjoni*

L-Ewwel Pass — Qabel it-terminazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu formalment jinnotifika lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tiegħu ta' terminazzjoni, fejn jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għala jixtieq jagħmel dan u jistieden lill-benefiċjarju jressaq osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha jirċievi dik in-notifika.

It-Tieni Pass — Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li ma jitterminax id-Deċiżjoni tal-Finanzjament, huwa għandu jinnotifika lill-benefiċjarju b'dik id-deċiżjoni.

Jekk, wara l-iskadenza tal-perjodu għat-tressiq tal-osservazzjonijiet, il-Parlament Ewropew jiddeċiedi li jittermina d-Deċiżjoni tal-Finanzjament, huwa għandu formalment jinnotifika lill-benefiċjarju permezz ta' deċiżjoni motivata dwar it-terminazzjoni.

It-Tielet Pass — B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tat-terminazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, il-Parlament Ewropew għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-benefiċjarju bit-terminazzjoni tal-ftehim ta' għotja.

ARTIKOLU II.15. — ĊESSJONI

Il-benefiċjarju ma jista' jċedi ebda waħda mit-talbiet tiegħu għall-pagament kontra l-Parlament Ewropew lill-ebda parti terza, ħlief jekk approvat minn qabel mill-Parlament Ewropew abbażi ta' talba motivata u bil-miktub mill-benefiċjarju.

Jekk il-Parlament Ewropew ma jaċċettax bil-miktub iċ-ċessjoni jew jekk il-kundizzjonijiet ta' tali ċessjoni ma jiġux osservati, iċ-ċessjoni ma jkollha ebda effett legali.

Ċessjoni fl-ebda ċirkostanza ma tista' teżenta lill-benefiċjarju mill-obbligi tiegħu lejn il-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU II.16. — IMGĦAX TA' INADEMPJENZA

Jekk il-Parlament Ewropew ma jħallasx fil-limiti ta' żmien għall-pagament, il-benefiċjarju għandu jkun intitolat għal imgħax ta' inadempjenza bir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu f'euro (ir-"rata ta' referenza"), flimkien ma' tliet punti u nofs. Ir-rata ta' referenza hija r-rata fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar li fih jiskadi l-limitu ta' żmien għall-pagament, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Parlament Ewropew jissospendi l-pagamenti kif previst fl-Artikolu.II.12, dawn l-azzjonijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala każijiet ta' inadempjenza.

L-imgħax ta' inadempjenza jkopri l-perjodu li jibda mill-jum wara d-data dovuta għall-pagament, sa u inkluża d-data tal-pagament attwali.

Bħala eċċezzjoni għall-ewwel subparagrafu, jekk l-imgħax ikkalkulat ikun inqas minn EUR 200 jew ugwali għal dan l-ammont, il-Parlament Ewropew għandu jintalab iħallas dan l-ammont lill-benefiċjarju biss jekk il-benefiċjarju jitlob dan fi żmien xahrejn minn meta jirċievi pagament tardiv.

ARTIKOLU II.17. — LIĠI APPLIKABBLI

Dan il-ftehim huwa rregolat mil-liġi applikabbli tal-Unjoni, b'mod partikolari mir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u r-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju. Dawn huma kkomplementati, fejn meħtieġ, mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih il-benefiċjarju għandu s-sede tiegħu.

ARTIKOLU II.18. — DRITT TA' SMIGĦ

Fil-każijiet fejn, skont dan il-ftehim, il-benefiċjarju għandu d-dritt jippreżenta l-osservazzjonijiet, il-benefiċjarju għandu jingħata perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol, ħlief fejn previst espressament mod ieħor, biex jippreżenta l-osservazzjonijiet bil-miktub. Dan il-perjodu jista', fuq talba motivata tal-benefiċjarju, jiġi estiż darba b'għaxart ijiem ta' xogħol oħra.

PARTI B: *DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI*

ARTIKOLU II.19. — SPEJJEŻ ELIĠIBBLI

II.19.1. **Kundizzjonijiet**

Sabiex jiġu kkunsidrati eliġibbli għal rimborż mill-finanzjament mill-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 189 tar-Regolament Finanzjarju, l-ispejjeż għandhom jissodisfaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin:

(a) ikunu relatati direttament mas-suġġett tal-ftehim u previsti fl-estimu baġitarju anness mal-ftehim;

(b) ikunu neċessarji għall-implimentazzjoni tal-ftehim;

(c) ikunu raġonevoli u ġustifikati, u jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward l-ekonomija u l-effiċjenza;

(d) ikunu ġġenerati matul il-perjodu ta' eliġibilità kif definit fl-Artikolu I.2, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż relatati ma' rapporti annwali jew ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew kontijiet ta' bażi;

(e) ikunu mġarrba verament mill-benefiċjarju;

(f) ikunu identifikabbli u verifikabbli, u jkun ittieħed rekord tagħhom fil-kontijiet tal-benefiċjarju, f'konformità mal-istandards tal-kontabilità applikabbli għalih;

(g) ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-liġijiet applikabbli tat-taxxa u s-sigurtà soċjali;

(h) ikunu jikkonformaw mal-Artikolu II.9.1;

(i) ikunu jikkonformaw, jekk l-ispejjeż rilevanti jirriżultaw minn kuntratti ta' akkwist b'valur li jaqbeż is-EUR 60 000 (esklużа l-VAT), mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fl-Artikolu II.9.2;

(j) ikunu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu XI tar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew fis-sejħa għall-proposti.

Il-proċeduri tal-kontabilità u tal-kontroll intern tal-benefiċjarju għandhom jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni diretta tal-ispejjeż u d-dħul iddikjarat fir-rapport annwali mar-rapporti finanzjarji u d-dokumenti ta' sostenn korrispondenti. In-nuqqas ta' rikonċiljazzjoni xierqa jista' jirriżulta fil-klassifikazzjoni tal-ispejjeż bħala ineliġibbli.

II.19.2. **Eżempji ta' spejjeż eliġibbli**

Bil-għan li jitqiesu eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni, u skont l-Artikolu 189 tar-Regolament Finanzjarju, l-ispejjeż jridu jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) spejjeż relatati ma' assistenza teknika, laqgħat, riċerka, avvenimenti transfruntiera, studji, informazzjoni u pubblikazzjonijiet; u attivitajiet ta' bini tal-kapaċità bħal korsijiet ta' taħriġ jew mentoraġġ;

(b) spejjeż relatati mal-persunal, li jinkludu s-salarji attwali, il-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u spejjeż oħra statutorji inklużi fir-remunerazzjoni, sakemm dawn ma jaqbżux ir-rati medji skont il-politika normalment segwita mill-benefiċjarju dwar ir-remunerazzjoni;

(c) spejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza tal-persunal, sakemm dawn ikunu konsistenti mal-prattiki normalment segwiti tal-benefiċjarju rigward l-ispejjeż tal-ivvjaġġar;

(d) l-ispejjeż ta' deprezzament ta' tagħmir jew assi oħra (ġodda jew użati) kif irreġistrati fir-rapporti kontabilistiċi tal-benefiċjarju, sakemm l-assi:

   (i) jiġi deprezzat f'konformità mal-istandards tal-kontabilità lokali u l-prattiki tal-kontabilità applikati b'mod konsistenti matul iż-żmien; kif ukoll

   (ii) ikun mixtri f'konformità mal-Artikolu II.9.1 u mal-Artikolu II.9.2;

(e) l-ispejjeż ta' garanziji finanzjarji, relatati mal-prefinanzjament imħallas mill-Parlament Ewropew.

ARTIKOLU II.20. — SPEJJEŻ INELIĠIBBLI

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu II.19.1 ta' dan il-ftehim, l-ispejjeż li ġejjin għandhom jitqiesu ineliġibbli:

(a) ir-redditu fuq il-kapital u d-dividendi mħallsa mill-benefiċjarju;

(b) id-dejn u l-ispejjeż għas-servizz tad-dejn;

(c) id-dispożizzjonijiet għal telf jew djun;

(d) l-imgħax dovut, bl-eċċezzjoni tal-imgħax negattiv għall-kont li fih jintbagħat il-prefinanzjament mingħand il-Parlament Ewropew, sakemm tali mgħax negattiv ma setax jiġi evitat;

(e) id-djun dubjużi;

(f) it-telf fuq il-kambju;

(g) l-ispejjeż tat-trasferimenti mill-Parlament Ewropew imposti mill-bank tal-benefiċjarju;

(h) l-ispejjeż ddikjarati mill-benefiċjarju fl-ambitu ta' azzjoni oħra li tirċievi għotja ffinanzjata mill-baġit tal-Unjoni;

(i) il-benefiċċji mhux fi flus;

(j) in-nefqa żejda jew irresponsabbli;

(k) il-VAT deduċibbli;

(l) il-finanzjament projbit ta' ċerti partijiet terzi skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(m) l-ispejjeż relatati ma' tilwim legali mal-Parlament Ewropew jew mal-Awtorità;

(n) l-ammont ta' sanzjonijiet finanzjarji imposti mill-Awtorità jew minn kwalunkwe awtorità nazzjonali u l-imgħax ta' inadempjenza pagabbli b'riżultat ta' dan;

(o) nefqa li ma jkollhiex biżżejjed evidenza ta' sostenn, bħal dokumenti tal-offerti, kuntratti, fatturi, riżultati tanġibbli.

ARTIKOLU II.21. — IL-BENEFIĊĊJI MHUX FI FLUS

Il-valur tal-benefiċċji mhux fi flus ma għandux jaqbeż:

(a) l-ispejjeż li jikkorrispondu għall-benefiċċji mhux fi flus, li fil-fatt saru mill-partijiet terzi jew mill-membri li jagħtu dawn il-benefiċċji, debitament ippruvati b'dokumenti tal-kontabilità;

(b) fin-nuqqas ta' dawn id-dokumenti, l-ispejjeż li jikkorrispondu għal dawk ġeneralment aċċettati fis-suq partikolari;

(c) il-valur tagħhom kif aċċettat fl-estimu baġitarju stabbilit fl-Anness;

(d) 50 % tar-riżorsi proprji aċċettati fl-estimu baġitarju.

Benefiċċji mhux fi flus:

(a) għandhom jiġu kontabilizzati separatament, kemm fid-dħul kif ukoll fin-nefqa;

(b) għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, kif ukoll mar-regoli tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali nazzjonali;

(c) għandhom biss jiġu aċċettati fuq bażi proviżorja, soġġett għal ċertifikazzjoni mill-awditur estern u mill-aċċettazzjoni fid-deċiżjoni dwar l-ammont finali ta' finanzjament;

(d) ma għandhomx ikunu f'forma ta' proprjetà immobbli.

ARTIKOLU II.22. — TRASFERIMENTI TAL-BAĠIT

Il-benefiċjarju għandu jkun permess jaġġusta l-estimu baġitarju stabbilit fl-Anness, permezz ta' trasferimenti bejn il-kategoriji differenti tal-baġit mingħajr preġudizzju għall-Artikolu II.21. Dan l-aġġustament ma għandux jirrikjedi emenda tal-ftehim. Dawn it-trasferimenti għandhom jiġu ġġustifikati fir-rapport annwali.

ARTIKOLU II.23. — OBBLIGI TA' RAPPORTAR

II.23.1. **Rapport annwali**

Preferibbilment sal-15 ta' Mejju, u mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, wara tmiem is-sena finanzjarja N, il-benefiċjarju għandu jissottometti lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega rapport annwali f'format miftuħ, li jkun jinqara mill-magni, li jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u noti ta' akkumpanjament, li jkopru d-dħul u l-ispejjeż tal-benefiċjarju, l-assi u l-obbligazzjonijiet fil-bidu u fit-tmiem tas-sena finanzjarja, f'konformità mal-liġi applikabbli fl-Istat Membru tas-sede tal-benefiċjarju;

(b) rapport tal-awditjar estern dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, li jkopri kemm l-affidabilità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kif ukoll il-legalità u r-regolarità tad-dħul u tan-nefqa, li jsir minn entità jew espert indipendenti;

(c) il-lista ta' donaturi u kontributuri u d-donazzjonijiet jew kontribuzzjonijiet korrispondenti tagħhom u r-riżorsi awtoġenerati tagħhom irrapportati f'konformità mal-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445;

(d) rapport ta' attività;

(e) dikjarazzjoni finanzjarja tan-nefqa u d-dħul li fil-fatt saru bbażata fuq l-istruttura tal-estimu baġitarju;

(f) dettalji tal-kontijiet fir-rigward ta' dħul, spejjeż, assi u obbligazzjonijiet;

(g) rikonċiljazzjoni tad-dikjarazzjoni finanzjarja msemmija fil-punt (e) mad-dettalji tal-kontijiet imsemmija fil-punt (f);

(h) lista ta' forniturі li talbu lill-benefiċjarju aktar minn EUR 10 000 fis-sena finanzjarja N jew li għalihom il-valur kumulattiv fl-aħħar 5 snin huwa ugwali għal EUR 60 000 jew aktar (eskluża l-VAT), li tispeċifika l-isem u l-indirizz tal-fornitur kif ukoll id-deskrizzjoni tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti.

Fil-każ ta' riport speċifikat fl-Artikolu II.25.3, ir-rapport annwali għandu jinkludi d-dokumenti msemmija fil-punti (d), (e), (f) u (g) li jkopru l-ewwel kwart tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja kkonċernata.

L-informazzjoni inkluża fir-rapport annwali għandha tkun biżżejjed biex jiġi stabbilit l-ammont finali tal-finanzjament.

II.23.2. **Rapport tal-awditjar estern**

Il-benefiċjarju għandu jikkoopera mal-korpi jew l-esperti esterni indipendenti, maħtura skont l-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, fit-tħejjija u s-sottomissjoni tar-rapport tal-awditjar estern kif speċifikat fl-Artikolu 28(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Għal dak l-għan, il-benefiċjarju għandu jipprovdi kwalunkwe informazzjoni jew dokument li jitlob l-awditur estern skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, inkluż matul il-verifiki fuq il-post, imwettqa fl-istess kundizzjonijiet bħal fl-Artikolu II.28.3 ta' dan il-ftehim.

L-iskop tal-awditjar estern għandu jkun dak li jiċċertifika l-affidabilità tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-legalità u r-regolarità tad-dħul u n-nefqa tagħhom, u b'mod partikolari li:

(a) id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tħejjew f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli għall-benefiċjarju, ma fihomx dikjarazzjonijiet materjali foloz u juru perspettiva vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja u tar-riżultati operattivi;

(b) l-ispejjeż ddikjarati ġġarrbu verament;

(c) id-dikjarazzjoni tad-dħul tkun eżawrjenti;

(d) id-dokumenti finanzjarji preżentati mill-benefiċjarju lill-Parlament ikunu konsistenti mad-dispożizzjonijiet finanzjarji tal-ftehim;

(e) l-obbligi li jirriżultaw mir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, b'mod partikolari mill-Artikolu 25 tiegħu, ikunu ġew issodisfati;

(f) l-obbligi li jirriżultaw minn dan il-ftehim, b'mod partikolari l-Artikolu II.9 u l-Artikolu II.19, ġew issodisfati;

(g) il-benefiċċji mhux fi flus ikunu ngħataw realment lill-benefiċjarju u jkunu ġew ivvalutati bi qbil mar-regoli applikabbli;

(h) kwalunkwe eċċess mill-finanzjament tal-Unjoni jkun ġie riportat għas-sena finanzjarja li jmiss u jintuża fl-ewwel kwart tas-sena finanzjarja, skont l-Artikolu 226(7) tar-Regolament Finanzjarju jew rimborżat lill-Parlament Ewropew;

(i) kwalunkwe eċċess ta' riżorsi proprji jkun ġie trasferit fir-riżerva.

ARTIKOLU II.24. — DEĊIŻJONI DWAR RAPPORT ANNWALI

Sal-31 ta' Diċembru tas-sena li tiġi wara s-sena finanzjarja N, il-Parlament Ewropew għandu japprova jew jirrifjuta r-rapport annwali, kif speċifikat fl-Artikolu II.23.1.

Jekk il-Parlament Ewropew ma jagħtix tweġiba bil-miktub fi żmien perjodu ta' sitt xhur wara li jirċievi r-rapport annwali, ir-rapport annwali għandu jitqies li jkun ġie approvat.

L-approvazzjoni tar-rapport annwali hija mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment tal-ammont ta' finanzjament finali skont l-Artikolu II.25 li permezz tiegħu l-Parlament Ewropew jieħu deċiżjoni finali dwar l-eliġibilità tal-ispejjeż.

Il-Parlament Ewropew jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-benefiċjarju sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni dwar ir-rapport annwali. Fil-każ ta' tali talba, id-data ta' skadenza għad-deċiżjoni dwar ir-rapport annwali għandha tkun estiża sakemm tali informazzjoni mitluba tkun waslet u ġiet evalwata mill-Parlament Ewropew. L-iskadenza tista' tiġi estiża wkoll meta tkun intalbet informazzjoni addizzjonali mill-Awtorità skont l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Jekk ir-rapport annwali jkun fih nuqqasijiet sostanzjali, jew jekk l-awditur estern jikkonkludi li ma jistax jifforma opinjoni tal-awditjar minħabba nuqqas ta' evidenza għall-awditjar, il-Parlament Ewropew jista' jirrifjutah mingħajr ma jitlob informazzjoni addizzjonali mingħand il-benefiċjarju u jista' jitlob li l-benefiċjarju jissottometti rapport ġdid fi żmien 15-il jum ta' xogħol.

Talbiet għal informazzjoni addizzjonali jew għal rapport ġdid għandhom isiru lill-benefiċjarju bil-miktub.

Jekk ir-rapport annwali li jkun ġie preżentat inizjalment jiġi rrifjutat u jintalab rapport ġdid, il-proċedura ta' approvazzjoni stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tapplika għar-rapport il-ġdid.

ARTIKOLU II.25. — DEĊIŻJONI DWAR L-AMMONT TA' FINANZJAMENT FINALI

II.25.1. **Impatt tar-rapport annwali**

Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tistabbilixxi l-ammont ta' finanzjament finali għandha tkun ibbażata fuq ir-rapport annwali approvat f'konformità mal-Artikolu II.24. F'każ ta' rifjut definittiv tar-rapport annwali mill-Parlament Ewropew, jew f'każ li l-benefiċjarju jonqos milli jippreżenta kwalunkwe rapport annwali fi żmien l-iskadenzi applikabbli, l-ispejjeż ineliġibbli jistgħu jiġu stabbiliti mid-deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali.

II.25.2. **Limitu**

L-ammont ta' finanzjament finali għandu jkun limitat għall-ammont stipulat fl-Artikolu I.4. u ma għandux jaqbeż il-95 % tal-ispejjeż eliġibblimġarrba verament.

II.25.3. **Ir-riport tal-eċċess**

Jekk, fi tmiem is-sena finanzjarja N, il-benefiċjarju jirreġistra eċċess ta' dħul fuq in-nefqa, parti minn dak l-eċċess jista' jiġi riportat għas-sena finanzjarja N+1, skont l-Artikolu 226(7) tar-Regolament Finanzjarju.

(a) *Id-definizzjoni ta' eċċess*

L-eċċess tas-sena finanzjarja N għandu jkun id-differenza bejn l-ispejjeż eliġibbli totali u l-ammont totali ta':

(i) l-ammont ta' finanzjament proviżorju massimu, skont l-Artikolu I.4;

(ii) ir-riżorsi proprji tal-benefiċjarju allokati biex ikopru l-ispejjeż eliġibbli, il-benefiċjarju preċedentement ikun kopra l-ispejjeż ineliġibbli bl-użu ta' riżorsi proprji biss; u

(iii) kwalunkwe eċċess trasferit mis-sena finanzjarja N-1.

L-eċċess tad-dħul li jista' jiġi riportat għas-sena finanzjarja N+1 ma għandux jaqbeż il-25 % tad-dħul totali msemmi fil-punti (i) u (ii) imsemmija.

(b) *Kontabilità tal-provvediment għal spejjeż eliġibbli*

L-ammont li effettivament ikun ġie riportat għandu jiddaħħal fil-karta tal-bilanċ għas-sena finanzjarja N bħala "provvediment biex ikopri l-ispejjeż eliġibbli tal-ewwel kwart tas-sena N+1". Dan il-provvediment għandu jikkostitwixxi spiża eliġibbli għas-sena finanzjarja N.

Barra minn hekk, finalizzazzjoni interim tal-kontijiet li ssir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena N+1 għandha tiddetermina l-ispejjeż eliġibbli mġarrba veramentsa dik id-data. Dan il-provvediment ma għandux jaqbeż dawk l-ispejjeż.

Fis-sena N+1, il-provvediment għandu jiġi dissolt u għandu jiġġenera dħul li għandu jintuża biex ikopri l-ispejjeż eliġibbli fl-ewwel kwart tas-sena finanzjarja N+1.

II.25.4. **Deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali**

Kull sena, il-Parlament Ewropew jikkontrolla jekk in-nefqa tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, mar-Regolament Finanzjarju u mal-ftehim. Kull sena huwa għandu jieħu deċiżjoni dwar l-ammont ta' finanzjament finali, li għandha tiġi notifikata debitament lill-benefiċjarju.

L-approvazzjoni tal-prefinanzjament għandha ssir fil-mument li jiġi stabbilit l-ammont ta' finanzjament finali.

II.25.5. **Bilanċ tal-finanzjament**

Jekk il-prefinanzjament imħallas jaqbeż l-ammont tal-finanzjament finali, il-Parlament Ewropew għandu jirkupra l-prefinanzjament imħallas indebitament.

Jekk l-ammont finali tal-finanzjament jaqbeż il-prefinanzjament imħallas, il-Parlament Ewropew għandu jħallas il-bilanċ.

II.25.6. Profitt

(a) *Definizzjoni*

Il-profitt huwa definit fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament Finanzjarju.

(b) *Bini ta' riżervi*

Skont l-Artikolu 195(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarju jista' jibni riżervi mill-eċċess ta' riżorsi proprji, li huma definiti fl-Artikolu II.1.

L-eċċess ta' riżorsi proprji li jrid jiġi trasferit fil-kont ta' riżerva għandu jkun, jekk applikabbli, l-ammont ta' riżorsi proprji li jaqbeż is-somma ta' riżorsi proprji meħtieġa biex jiġu koperti 5 % tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba verament fis-sena finanzjarja N u 5 % tal-ispejjeż fil-proviżjoni li għandhom jiġu riportati għas-sena finanzjarja N+1. Il-benefiċjarju għandu jkun kopra l-ispejjeż ineliġibbli minn qabel billi juża r-riżorsi proprji tiegħu biss.

Fil-każ ta' riżorsi awtoġenerati, jekk il-benefiċjarju jaqbeż il-limitu stipulat skont l-Artikolu 25(13) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, l-ammont ta' dħul li jaqbeż il-limitu ma għandux jiġi ddikjarat bħala dħul iżda għandu jitnaqqas mit-total tal-ispejjeż eliġibbli.

L-eċċess allokat għar-riżerva mhux se jitqies għall-kalkolu tal-profitt.

Ir-riżerva għandha tintuża biss biex tkopri l-ispejjeż operattivi tal-benefiċjarju.

(c) *Irkupru*

Il-finanzjament ma jistax jipproduċi profitt għall-benefiċjarju. Il-Parlament Ewropew għandu jkun intitolat li jirkupra l-perċentwal tal-profitt li jikkorrispondi għall-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ispejjeż eliġibbli, bi qbil mal-Artikolu 195(4) tar-Regolament Finanzjarju.

ARTIKOLU II.26. — IRKUPRU

Jekk ammonti ġew imħallsa indebitament lill-benefiċjarju jew jekk proċedura ta' rkupru tkun ġustifikata skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim, ir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 jew ir-Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarju għandu jħallas lura l-ammonti kkonċernati lill-Parlament Ewropew, skont it-termini u l-kundizzjonijiet u sad-data ta' skadenza stabbilita mill-Parlament Ewropew.

II.26.1. **Imgħax ta' inadempjenza**

Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jħallas lura sal-iskadenza stabbilita mill-Parlament Ewropew, il-Parlament Ewropew għandu jimponi fuq l-ammonti dovuti l-imgħax ta' inadempjenza bir-rata stabbilita fl-Artikolu II.16. L-imgħax ta' inadempjenza għandu jkopri l-perjodu bejn l-iskadenza stabbilita għall-pagament lura u d-data li fiha l-Parlament Ewropew jirċievi pagament lura sħiħ, bl-inklużjoni ta' din tal-aħħar.

Kull rimborż parzjali għandu l-ewwel jiddaħħal taħt l-ispejjeż u l-imgħax ta' inadempjenza u biss imbagħad taħt il-kapital.

II.26.2. **Tpaċija**

Mingħajr preġudizzju għal mezzi oħra ta' rkupru previsti fir-Regolament Finanzjarju, jekk ma jkun sar l-ebda pagament sad-data ta' skadenza stipulata, l-ammonti dovutilill-Parlament Ewropew jistgħu jiġu rkuprati billi jitnaqqsu minn kwalunkweammont dovut lill-benefiċjarju għal kwalunkwe raġuni oħraf'konformità mar-Regolament Finanzjarju. F'każijiet eċċezzjonali, iġġustifikati bil-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew jista' jirkupra permezz ta' tpaċija qabel id-data ta' meta jkun dovut il-pagament. Ma għandux ikun hemm il-ħtieġa ta' kunsens minn qabel tal-benefiċjarju.

II.26.3. **Imposti bankarji**

L-imposti bankarji ġġenerati mill-irkupru tal-ammonti dovuti lill-Parlament Ewropew għandhom jingarru unikament mill-benefiċjarju.

ARTIKOLU II.27. — GARANZIJA FINANZJARJA

Jekk il-Parlament Ewropew jitlob garanzija finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 156 tar-Regolament Finanzjarju, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-garanzija finanzjarja trid tkun ipprovduta minn bank jew istituzzjoni finanzjarja approvata jew, jekk dan jintalab mill-benefiċjarju u jkun aċċettat mill-Parlament Ewropew, minn parti terza;

(b) il-garanti jrid joqgħod bħala garanti tal-ewwel sejħa u ma jkunx jeħtieġ li l-Parlament Ewropew l-ewwel jirrikorri kontra d-debitur prinċipali (jiġifieri l-benefiċjarju konċernat); u

(c) il-garanzija finanzjarja trid tibqa' fis-seħħ b'mod espliċitu sakemm il-prefinanzjament ikun ikklerjatkontra pagamenti interim jew pagamenti tal-bilanċ mill-Parlament Ewropew; jekk il-pagament tal-bilanċ jieħu l-forma ta' rkupru, il-garanzija finanzjarja trid tibqa' fis-seħħ sakemm id-dejn ikun meqjus kompletament ikklerjat; u l-Parlament Ewropew irid jirrilaxxa l-garanzija matul ix-xahar ta' wara.

ARTIKOLU II.28. — KONTROLL

II.28.1. **Dispożizzjonijiet ġenerali**

Fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tagħhom u f'konformità mal-Kapitolu V tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445, u mal-Artikolu 205(1) u l-Artikolu 204(2)(g) flimkien mal-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, il-Parlament Ewropew, l-Awtorità, l-OLAF, l-UPPE fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 [6] u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jistgħu fi kwalunkwe ħin jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll rispettivi tagħhom sabiex jiġi vverifikat jekk il-benefiċjarju huwiex f'konformità sħiħa mal-obbligi stabbiliti fil-ftehim, fir-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445 u fir-Regolament Finanzjarju.

Il-benefiċjarju għandu debitament jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti u għandu jipprovdilhom l-għajnuna kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kontrolli tagħhom.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li kwalunkwe parti terza, inklużi l-kuntratturi u s-sottokuntratturi, involuti fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati skont dan il-ftehim, jagħtu drittijiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu II.28.1 kif previst fl-Artikolu 129(2) tar-Regolament Finanzjarju.

Il-Parlament Ewropew u l-Awtorità jistgħu jiddelegaw il-kompitu ta' kontroll lil korpi esterni debitament awtorizzati li jaġixxu għan-nom tagħhom ("il-korpi awtorizzati"). Id-dmir ta' kooperazzjoni għandu japplika wkoll fir-rigward ta' tali korpi awtorizzati fl-eżerċizzju tal-kompiti ta' kontroll delegati lilhom.

II.28.2. **Obbligu li jiġu pprovduti dokumenti u/jew informazzjoni**

Il-benefiċjarju għandu jipprovdi kwalunkwe dokument u/jew informazzjoni, inkluża informazzjoni f'format elettroniku, mitluba mill-Parlament Ewropew, mill-Awtorità jew mill-korp awtorizzat ("l-awtorità kompetenti").

Kwalunkwe dokument jew informazzjoni pprovduti mill-benefiċjarju għandhom jiġu pproċessati f'konformità mal-Artikolu II.6.

II.28.3. **Verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti**

L-awtorità kompetenti tista' twettaq verifiki fuq il-post fil-bini tal-benefiċjarju. Għal dan l-għan, hija tista' titlob bil-miktub li l-benefiċjarju jagħmel l-arranġamenti xierqa għal tali verifika fi żmien skadenza xierqa li għandha tiġi stabbilita mill-awtorità kompetenti.

Matul verifika fuq il-post, il-benefiċjarju għandu jippermetti lill-awtorità kompetenti aċċess għas-siti u l-bini fejn l-operazzjoni tkun qiegħda titwettaq jew tkun ġiet imwettqa, kif ukoll għall-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluża informazzjoni f'format elettroniku.

Il-benefiċjarju għandu jiżgura li l-informazzjoni tkun faċilment disponibbli fil-mument tal-verifika fuq il-post u li l-informazzjoni mitluba tiġi mgħoddija f'forma xierqa.

II.28.4. **Proċedura ta' kontroll kontradittorja mill-Parlament Ewropew**

Abbażi tas-sejbiet li jsiru waqt il-proċedura ta' kontroll, il-Parlament Ewropew għandu jħejji rapport bil-konklużjonijiet preliminari li għandu jintbagħat lill-benefiċjarju. Il-benefiċjarju jista' jissottometti osservazzjonijiet fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tar-riċevuta tar-rapport tal-awditjar proviżorju.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj).

Abbażi tas-sejbiet tar-rapport ta' konklużjonijiet preliminari u l-osservazzjonijiet possibbli tal-benefiċjarju, il-Parlament Ewropew għandu jistabbilixxi l-konklużjonijiet finali tiegħu. Fin-nuqqas ta' osservazzjonijiet fi żmien dik l-iskadenza, jew jekk il-benefiċjarju jaċċetta s-sejbiet preliminari, dawk is-sejbiet għandhom jitqiesu bħala finali.

II.28.5. **Effetti tal-konklużjonijiet u s-sejbiet tal-kontroll**

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Parlament li jieħu l-miżuri skont l-Artikolu II.12 sal-Artikolu II.14, il-konklużjonijiet finali għandhom jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni mill-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-istabbiliment tal-ammont ta' finanzjament finali.

Każijiet possibbli ta' frodi jew ksur serju tar-regoli applikabbli żvelati mill-konklużjonijiet finali għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jew l-awtoritajiet tal-Unjoni għal azzjoni ulterjuri.

Il-Parlament Ewropew jista' b'mod retroattiv jaġġusta d-deċiżjoni dwar l-ammont finali ta' finanzjament fuq il-bażi ta' kontrolli *ex post*, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 74(6) tar-Regolament Finanzjarju.

II.28.6. **Drittijiet ta' kontroll tal-OLAF**

L-OLAF għandu jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' kontroll fil-konfront tal-benefiċjarju f'konformità mar-regoli applikabbli, b'mod partikolari mar-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([7]), ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 29(4) u l-Artikolu 30(7) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445.

Il-benefiċjarju għandu jikkoopera debitament mal-OLAF u għandu jipprovdi lill-OLAF b'kull għajnuna meħtieġa għat-twettiq ta' kontroll tiegħu.

II.28.7. **Drittijiet ta' kontroll tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri għandha teżerċita d-dritt ta' kontroll tagħha f'konformità mar-regoli applikabbli, u b'mod partikolari l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, u l-Artikolu 30(6) tar-Regolament (UE, Euratom) 2025/2445. L-Artikoli II.28.2 u II.28.3 għandhom japplikaw.

Il-benefiċjarju għandu debitament jikkoopera mal-Qorti tal-Awdituri u għandu jipprovdi lil dik il-Qorti l-għajnuna kollha meħtieġa għat-twettiq tal-kontroll tagħha.

II.28.8. **Drittijiet ta' kontroll tal-UPPE**

L-UPPE għandu jeżerċita d-drittijiet ta' kontroll tiegħu f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939 u r-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju.

Il-benefiċjarju għandu debitament jikkoopera mal-UPPE u għandu jipprovdi lill-UPPE kull għajnuna meħtieġa għat-twettiq taL-kontroll tiegħu.

II.28.9. **Kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-kontroll fid-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament finali**

Il-Parlament Ewropew jista' jqis, fi kwalunkwe ħin, is-sejbiet li jirriżultaw mill-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu II.28.1 biex jistabbilixxi jew jimmodifika l-ammont ta' finanzjament finali filwaqt li jirrispetta d-dritt tal-benefiċjarju li jinstema' tal-benefiċjarju skont l-Artikolu II.18 ta' dan il-ftehim.

([7]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità EwropeA kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (*ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2*, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj).

([8]) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal- Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (*ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1*, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj).

II.28.10. **Nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont l-Artikolu II.*28.1* sal-*Artikolu II. 28.3***

Jekk il-benefiċjarju ma jikkonformax mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu II.28.1 sal-Artikolu II. 28.3, il-Parlament Ewropew jista' jqis mhux rimborżabbli kwalunkwe spiża li ma tkunx ġiet sostanzjata b'mod suffiċjenti mill-benefiċjarju.

FIREM

Għall-Benefiċjarju [kunjom/isem/funzjoni]	Għall-Parlament Ewropew [kunjom/isem]
[firma]	[firma]
Magħmul fi [post], [data]	Magħmul fi [post], [data]

Duplikat bil-Malti.

ANNESS 1

ESTIMU BAĠITARJU

BUDGET FORM **[FOUNDATION]**
FINANCIAL YEAR [N]

		EXPENDITURE	Budget	Implemented
A. ELIGIBLE COSTS	**A.1.**	**Personnel expenditure**	**0,00**	**0,00**
	A.1.1.	Salaries and equivalent		
	A.1.2.	Social contributions		
	A.1.3.	Other personnel expenditure (e.g. trainings, mission costs)		
	A.2.	**Infrastructure and other administrative expenditure**	**0,00**	**0,00**
	A.2.1.	Rent, charges and maintenance costs of immovable property		
	A.2.2.	Stationery and office supplies, small equipment and software		
	A.2.3.	Depreciation of tangible and intagible assets		
	A.2.4.	Printing, editing, translation and reproduction costs		
	A.2.5.	Legal costs		
	A.2.6.	Accounting and audit costs, bank fees		
	A.2.7.	Miscellaneous (e.g. other services, administrative meetings)		
	A.3.	**Meetings, research & communication**	**0,00**	**0,00**
	A.3.1.	Costs of meetings, seminars, events		
	A.3.2.	Costs of studies and research		
	A.3.3.	Documentation costs (newspapers, press agencies, databases)		
	A.3.4.	Digital presence & social media		
	A.3.5.	Publicity costs		
	A.3.6.	Other related costs		
	A.4.	**Support to third parties**		
	A.5.	**Miscellanious deductions**		
	A.6.	**Allocation to Provision to cover eligible costs of the first quarter of year N+1**		
		TOTAL ELIGIBLE COSTS	**0,00**	**0,00**
B. INELIGIBLE COSTS	**B.1.**	**Provisions, impairments & write-offs**		
	B.2.	**Interests owed and exchange losses**		
	B.3.	**Non-cash benefits**		
	B.4.	**Net impact of reclassifications related to previous years**		
	B.5.	**Others (to be specified)**		
		TOTAL INELIGIBLE COSTS	**0,00**	**0,00**
C.		**TOTAL EXPENDITURE**	**0,00**	**0,00**

		REVENUE	Budget	Implemented
D. EP FUNDING	**D.1.**	**European Parliament funding estimated / used in year N**	**0,00**	**0,00**
	D.1.1.	Dissolution of Provision from N-1 to cover eligible costs of the first quarter of year N		
	D.1.2.	European Parliament funding requested (provisional) / awarded (actual) for year N		
E. OWN RESOURCES	**E.1.**	**Member financial contributions**	**0,00**	**0,00**
	E.1.1.	from member organisations		
	E.1.2.	from individual members		
	E.2.	**Financial donations**	**0,00**	**0,00**
		(to be specified)		
	E.3.	**Self-generated resources**	**0,00**	**0,00**
		(e.g. participation fees, sales of publications)		
	E.4.	**Other revenue not covered by Regulation (EU, Euratom) 2025/2445**	**0,00**	**0,00**
		(to be specified)		
	E.5.	**Non-cash benefits**	**0,00**	**0,00**
	E.5.1.	Member non-cash contributions		
	E.5.2.	Non-cash offerings		
		TOTAL OWN RESOURCES	**0,00**	**0,00**
F.		**TOTAL REVENUE**	**0,00**	**0,00**

G.	**SHARE OF SELF-GENERATED RESSOURCES AND OTHER REVENUE IN TOTAL EXPENDITURE**	**#DIV/0!**	**#DIV/0!**
H.	**PROFIT/LOSS**	**0,00**	**0,00**
I.	**INTEREST FROM EP PRE-FINANCING**		

= manual data input

ANNESS 2

PROGRAMM TA' ĦIDMA

[jiddaħħal skont l-applikazzjoni tal-finanzjament]